# RUMANI
# KAPITLU 11
# U
# IŻRAEL

Minn
George Ebejer

## 1. KONTENUT TA' KAPITLU 11:

I. Il-fedeltà ta' Alla lejn il-poplu Tiegħu: 11:1-6
II. Il-Waqgħa tal-Biċċa l-kbira ta' Iżrael: 11:7-10
III. Il-Waqgħa Lhudija u l-Konnessjoni tal-Ġentili: 11:11-32
  A. Barka tal-Ġentili hija inċentiv għal-Lhud: 11:11-16
  B. Kliem ta' twissija kontra l-frugħa tal-Ġentili: 11:17-24
  C. It-twebbis u l-barka ta' Iżrael: 11:25-32
IV. Għanja ta' tifħir ta' Alla: 11:33-36

## 2. DIN IS-SEZZJONI TA' L-ISKRITTURA U L-PREMILLENJALIŻMU:

"Hemm element fid-dinja reliġjuża li jemmen li Alla għandu jġib lil-Lhud għand Kristu fuq skala nazzjonali sabiex Hu (Alla) jkun fidil għall-wegħda Tiegħu lil Abraham."

Għalkemm, xi wħud ma jaqblux mija fil-mija mat-tagħlim tal-Premillenjaliżmu, iżda dan huwa l-bażi li minnu ħiereġ it-tagħlim kollu, għalkemm fih xi differenzi.

Dan huwa kif il-Premillenjalisti jaraw Rumani kapitli 9 sa 11. Huma jgħidu li Alla fil-futur se jġib *ġenerazzjoni sħiħa* ta' Lhud għall-fidi fi Kristu (kontra r-rieda tagħhom???) fejn huma (il-Premillenjalisti) jistqarru li Rumani 11:26 hekk jgħallem. F'dan il-mod huma jemmnu li Pawlu jsolvi l-problema ta' miljuni ta' Lhud fiż-żmien tiegħu li kienu barra minn Kristu. miljuni ta' Lhud li ma kinux irċevew il-barkiet u l-wegħdiet ta' Alla.

"Dawn in-nies jitkellmu bħallikieku l-konverżjoni ta' ġenerazzjoni ta' Lhud fil-futur tneħħi għal kollox in-nuqqas ta' konverżjoni ta' mijiet ta' ġenerazzjonijiet li jkunu ġew qabel! Jekk Alla tabilħaqq għamel wegħdiet marbuta b'ħalfa lil 101 ġenerazzjoni aħna bilkemm inkunu nistgħu nsejħulu fidil jekk Huwa jabbanduna 100 ġenerazzjoni u jsalva biss ġenerazzjoni waħda fil-futur! Immaġina ż-żewġ ġenerazzjonijiet ta' Lhud fil-ġudizzju. It-tnejn li huma kellhom wegħdiet bla kondizzjoni u marbuta b'ħalfa magħmula lilhom minn Alla (dan hu dak li jistqarru l-Premillenjalisti). Aħna, bħala l-knisja ta' Kristu, ma

dan it-tagħlim ma' naqblux mija fil-mija għaliex huwa tagħlim falz u mhux Skritturali u jagħmel lil Alla li jħares lejn l-uċuħ meta l-Bibbja tgħidilna bl-aktar mod ċar li "Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd!" (Atti 10:34; Rumani 2:11; Galatin 2:6; Efesin 6:9; Kolossin 3:25; 1 Pietru 1:17). Skond dan it-tagħlim tal-Premillenjalisti, waħda mill-ġenerazzjonijiet tmur għall-glorja u l-oħra tmur għall-kundanna ta' dejjem. Aħna nistqarru li: "Alla kellu jġib din il-ġenerazzjoni ta' Lhud għall-glorja għaliex, wara kollox, Hu kellu jkun fidil għall-wegħdiet marbuta b'ħalfa u bla ebda kondizzjonijiet. U għaliex, mela, Hu mhuwiex marbut biex iġib il-ġenerazzjoni l-oħra wkoll għall-glorja?"

Hawn hu dak li aħna għandna niddeċiedu f'moħħna: Jew Alla ta wegħdiet bla kondizzjoni lil *kull* Lhudi, jew wegħdiet kondizzjonali lil *kull* Lhudi, jiġifieri, li tikseb il-barka tas-salvazzjoni kienet ikkondizzjonata fuq fidi ubbiddjenti f'Alla! (Rumani 1:16; 5:1; 11:20). Qiegħed tara f'liema pożizzjoni kerha jpoġġu lil Alla l-Premillenjalisti u dawk kollha li jaqblu mat-tagħlim fatali tagħhom! Dak li jintqal f'Rumani 2:16, jiġifieri, "Fil-jum meta Alla jagħmel ħaqq mill-għemil moħbi tal-bnedmin skond l-evanġelju tiegħi permezz ta' Ġesù Kristu" japplika għall-*bnedmin kollha* u għall-ġenerazzjonijiet *kollha*! Dan se jkun "*skond l-evanġelju*" u "evanġelju" wieħed hemm u mhu se jkun hemm ebda evanġelju ieħor wara li jiġi Kristu! L-Ispirtu s-Santu jgħid hekk dwar meta jerġa' jidher Sidna Ġesù Kristu mis-sema:

> "*F'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u,* ***li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu****: li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu*" (2 Tessalonikin 1:7-9).

Skond il-Premillenjalisti, dan ma japplikax għal dik il-ġenerazzjoni ta' Lhud li tkun fuq l-art meta Kristu jerġa' jiġi, imma japplika għal dawk il-ġenerazzjonijiet ta' qabel! Qiegħed tara kif b'dan it-tagħlim falz huma jagħmlu lil Alla "jħares lejn l-

uċuħ" ukoll għalkemm Alla jgħid fil-Kelma Tiegħu dwar il-bnedmin kollha, sew Lhud u kemm mhumiex,

> "*Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, l-ewwel għal-Lhudi, u mbagħad għall-Grieg; glorja u ġieħ u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel għal-Lhudi, u mbagħad għall-Grieg. Għax ALLA MA JĦARISX LEJN L-UĊUH!*" (Rumani 2: 9-11, ara minn vers 1).

***Imkien*** fil-Bibbja kollha ma hemm miktub jew hemm xi ħjiel li Alla se jsalva poplu sħiħ u mhux li kull individwu għandu jaċċetta l-Evanġelju ta' Krsitu biex isalva! *Dak huwa kollu invenzjoni tal-Premillenjalisti*! Dak huwa kollu xogħol Satana!

Issa ħalli naraw x'qal tassew l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu, **f'Rumani, kapitlu 11**.

## 3. KUMMENTARJU FUQ KAPITLU 11:

**Rumani 11:1** igħid: "**Ngħid mela: Jaqaw rema Alla l-poplu tiegħu? Allaħares! Għax jien ukoll Iżraeli, minn nisel Abraham, minn tribù Benjamin.**"

**"Ngħid mela."** "*Mela*" tintroduċi l-mistoqsija bħala inferenza (konsegwenza miġbuda minn) mid-diskussjoni kollha ta' qabel, speċjalment Rumani 10:19-21. Il-kritiċi ta' Pawlu forsi jgħidu li hu kien qiegħed jgħallem ir-riġezzjoni assoluta tal-Lhud kollha minn Alla.

Jistgħu l-Lhud ikunu ikkonvertuti għall-fidi fi Kristu? Hija l-evanġelizzazzjoni tal-Lhud entrapriża bla siwi ta' xejn u impertinenti? Hija l-kondizzjoni spiritwali ta' Iżrael bla tama? Għal dawn il-mistoqsijiet importanti u ta' tiftix taż-żmien preżenti, Pawlu jagħti t-tweġiba ispirata tiegħu.

**"Rema."** Li timbotta 'l barra, li twarrab. Il-verb sempliċiment ifisser li titfa' jew twarrab. 'Alla tafa' 'l barra lill-poplu tiegħu.' Ħassar Alla lil-Lhud kollha? Pawlu, wara li

wera fil-kapitlu ta' qabel li l-Lhud kienu rriġettaw lil Kristu u li Alla kien irriġettahom, jara l-konklużjoni marbuta ma' dan u li għandha tkun milħuqa minnhom—li Alla kien rema lil l-Iżraeliti bħala nazzjon; għalhekk Pawlu jistaqsi l-mistoqsija u jwieġeb għaliha.

**"Għax jien ukoll Iżraeli."** Kieku Alla kien anzjuż biex ma jkunx fidil għall-wegħdiet Tiegħu, Pawlu, persekutur tal-Knisja kif ukoll Lhudi tal-Lhud, kien jikkwalifika bħala wieħed li kellu jkun imwarrab minn Alla.

**"Minn nisel Abraham."** Pawlu kien mill-aktar demm safi Lhudi. Lhudi mit-trobbija u n-nazzjon, mhux proselita (jiġifieri, wieħed li qaleb minn reliġjon jew pajjiż ieħor), lanqas l-iben ta' proselita, imma dixxendent mil-linja ta' Abraham.

**"mit-tribù Benjamin."** Membru tat-tribù li, ma' Ġuda, ifforma n-nazzjon irrestawrat wara l-eżilju u sar it-tama tad-dinja" (Eżdra 4:1; 10:9). Pawlu kien "Lhudi" kif suppost li jkun! Kieku Alla rema lil-Lhud minħabba li huma kienu Iżraelin, Pawlu ma kienx ikun il-qaddej Tiegħu. Huma rmew lilhom infushom għaliex huma rriġettaw lill-Messija li kien ilu mistenni.

*Kif nidħlu f'dan il-kapitlu għandna nifhmu sewwa li ġej. L-unika nies li Alla 'jwarrab' huma dawk in-nies li jirrifjutaw li jemmnu fi Kristu bħala l-Messija (Rumani 11:20—"minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom inqatgħu" [ara wkoll Ġwanni 8:24). Alla mhuwiex kontra l-Lhud lanqas ma Hu kontra l-Ġentili, pjuttost Hu kontra l-Lhud u kontra l-Ġentili li ma jemmnux! (Rumani 11:20-21). Alla jwarrab biss lil dawk li jwarrbu Lilu (Rumani 1:24, 26) u sakemm xi ħadd ikompli ma jemminx, dak ikun imwarrab minn Alla, sew jekk ikun Lhudi u kemm jekk ikun Ġentili (Rumani 1:28). Għal dan ma hemm l-ebda tama, la issa u lanqas fil-futur!*

*It-tieni*, Alla QATT MA KISER IL-WEGĦDIET TIEGĦU! (Lhud 6:18). Alla qatt ma warrab u lanqas qatt mhu se jwarrab lil dawk li eżerċitaw u lil dawk li jeżerċitaw fidi ubbidjenti Fih.

**Rumani 11:2 – "Alla ma remiex il-poplu tiegħu li kien jaf minn qabel. Jew ma tafux xi tgħid l-iskrittura fuq Elija? Kif talab 'l Alla kontra Iżrael?"**

**"Il-poplu tiegħi."** Għal darb'oħra Pawlu juri li Alla jżomm il-wegħdiet Tiegħu u Hu fidil lejn il-poplu tiegħu. Il-mistoqsija reali hi: "Min huwa l-poplu ta' Alla?" L-iċċitar tal-Bibbja f'dan il-punt huwa biex jissettilja l-ħaġa dwar l-identità tal-poplu ta' Alla.

**"li kien jaf minn qabel"**—mill-Grieg, *prognosko* li tkun taf min qabel, jiġifieri, tara minn qabel, (tordna), taf (qabel). Alla ma remix lil dawk li Hu qabel kellu ħsieb jew fassal biex ikunu l-poplu Tiegħu.

*Issa, il-mistoqsija hija din: Alla "kien jaf minn qabel" u "ippredestina" s-salvazzjoni ta' individwi speċifiċi nkwantu l-għażla ħielsa tagħhom stess? Imma jekk dan hu li l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu qiegħed jgħallem hawn, kif jista' jkun li individwi bħal dawn qatt kienu "maqtugħa?" (Rumani 11:20). Din ix-xorta ta' predestinazzjoni ċertament li mhix mgħallma f'dan il-kapitlu, għaliex dan il-kapitlu jgħallem illi n-nies ta' Alla jistgħu jitilfu s-salvazzjoni, jekk huma jieqfu jew ma jkomplux jaġixxu bħala n-nies ta' Alla (Rumani 11:20-22). Pjuttost, Alla kien jaf minn qabel ix-'xorta' ta' persuna li tkun parti tal-'poplu Tiegħu,' jiġifieri, dawk il-persuni li jemmnu. F'dan is-sens hija applikata l-kelma "ippredestina,"(li kien jaf minn qabel).*

*Alla ma remiex il-poplu Tiegħu kollu li Hu għażel formalment, imma li Hu rriġetahom bħala nazzjon huwa indisputabbli. Qabel il-miġja ta' Kristu, Iżrael kienu l-poplu ta' Alla minħabba d-dixxendenza tagħhom minn Abraham; imma dlonk kif Kristu bagħat lil l-appostli Tiegħu b'kummissjoni mad-dinja kollha, il-bażi ta' aċċettazzjoni nbidlet. Id-dixxendenza ma kinetx aktar il-bażi ta' aċċettazzjoni. Fidi fi Kristu biss assigurat favur. Mingħajr ma wieħed juri ubbid-*

*jenza lejn Kristu, l-aktar Lhudi devot kien irriġettat; bil-fidi fi Kristu, ħadd ma kien irriġettat!*

*Punt importanti li wieħed għandu jinnuttah: Alla QATT ma warrab persuna li tilqa' l-kondizzjonijiet biex tkun "il-poplu Tiegħu," jiġifieri, fiduċja ubbidjenti (Ġwanni 8:39-44; Rumani 2:28-29; Rivelazzjoni 3:9).*

**"Jew ma tafux xi tgħid l-iskrittura fuq Elija."** Elija akkuża lil l-Iżraelin bi ħtija kontra Alla, u talab bil-ħniena Miegħu għar-riġezzjoni tagħhom (1 Slaten 19). Pawlu kellu r-responsabbiltà iebsa li jġib lin-nies lura għall-Bibbja. Illum din hija xi ħaġa ġdida issa, mhux hekk?!

**Rumani 11:3 – "Mulej qatlu l-profeti tiegħek, u ġarrfu l-artali tiegħek: u jien bqajt waħdi, u qegħdin ifittxu ħajti."**

L-appostlu (Pawlu), bħall-profeta, kien waħdu u ippersegwitat u Iżrael, bħala nazzjon, deher li kien abbanduna lil Alla. L-ilment ta' Pawlu kontrihom kien li huma kienu qatlu l-profeti, qerdu l-artali ta' Alla, u flokhom poġġew artali ta' l-idoli, u Elija kien baqa' waħdu mill-profeti fejn kienu qegħdin ifittxuh biex joqtluh ukoll. Elija kien qiegħed jaħrab biex isalva ħajtu, b'qalbu maqtugħa, u ħaseb li Iżrael kollu kien warrab lil Alla (1 Slaten 19:10-14). [Elija, f'dak l-istat ta' qtugħ il-qalb li l-ġrajjiet ta' qabel ġabuh fih, ma ra xejn aktar f'Iżrael ħlief idolatri, jew emmiena beżżiegħa wisq li jistħoqqilhom l-isem.]

**Rumani 11:4 – "Imma x'qaltlu t-tweġiba ta' Alla? Ħallejt għalija nnifsi sebat elef raġel, li ma lwewx irkobbtejhom lejn Bagħal."**

**"X'qaltlu t-tweġiba ta' Alla?"**—din hija prova oħra lit-Testment il-Qadim huwa l-Kelma ispirata ta' Alla (1 Slaten 19:18). Alla wieġbu li ma kienx ħażin daqs kemm kien jidher għalih (għal Elija).

**"Ħallejt għalija nnifsi"**—għalija nnifsi bħala l-proprjetà Tiegħi, u għas-servizz Tiegħi. Imma mhux kontra r-rieda tagħhom (1 Pietru 1:5-9; 2 Timotju 2:11-13).

"*Elija kien qal li hu kien l-uniku iben ta' Alla li kien baqa' imma Alla dan ċaħdu, Alla ma ċaħdux billi qal: "U ejja, Elija, hemm miljuni mill-poplu tiegħi." Għall-kuntrarju, Alla jgħid espliċitament li kien hemm sebat elef.*"

Dawn kienu "n-nies ta' Alla." U x'kien jiddistingwihom bħala l-poplu ta' Alla? IL-FEDELTÀ TAGĦHOM! "Li ma lwewx irkobbtejhom lejn Bagħal"! (Bagħal kien id-divinità prinċipali tal-Feniċi, u kien jirrappreżenta x-xemx. Ġeżabel, ir-reġina ta' Aħab, kienet mill-Feniċja, u fittxet biex tibdel il-qima ta' Alla mal-qima ta' Bagħal. (1 Slaten 16:31-33). Imma Alla QATT ma rema Lhud ta' din ix-xorta, jiġifieri, Lhud li jemmnu.

**Rumani 11:5 – "Hekk mela f'dan iż-żmien ukoll hemm fdal skond il-għażla tal-grazzja."**

**"Hekk mela f'dan iż-żmien"**—"F'dan l-istess mod."

Pawlu assigurahom li ma kienx daqshekk ħażin kif kienet turi d-dehra ta' barra. Fiż-żmien li Pawlu kien qiegħed jikteb kien baqa' fdal ta' Iżrael li kienu aċċettaw il-grazzja ta' Alla offruta fi Kristu Ġesù u kienu magħżulin Minnu.

"Issa li għamel il-punt tiegħu li 7001 jikkostitwixxu l-poplu ta' Alla fil-jiem ta' Elija, Pawlu jagħmel l-applikazzjoni għaż-żmien tiegħu. Il-kotra ta' Lhud li mhumiex imbierka mhijiex xi spettaklu stramb aktar milli ma kinux il-miljuni ta' Lhud fi żmien Elija li ma kinux f'għaqda ma' Alla u għalhekk ma kinux imbierka lanqas!

**"fdal"** mill-Grieg *leimma*; li baqa':-fdal. "Porzjon imħolli, imma l-biċċa l-kbira telqet." Dan jaqbel mal-verità mgħallma f'Rumani 2:28-29 u 9:6-7, 27. In-numru ta' emmiena veri fin-nazzjon ta' Iżrael dejjem kien iżgħar minn numru attwali ta' Lhud fiżiċi. Hekk kien fi żmien Elija u hekk kien

fi żmien Pawlu (u hekk hu fiż-żmien tagħna llum). Fil-ktieb ta' Atti aħna mħollija biex nosservaw "il-veru Iżrael" ħiereġ mill-Ġudaiżmu, meta Alla wera li Patt Ġdid kien ġie magħmul. (Atti 2:41; 4:4; 5:14; 6:7; 13:43; 14:1; 17:4; 18:8), meta Krispu, il-mexxej tas-sinagoga f'Korintu, obda l-mes-saġġ ta' l-Evanġelju, hu wera bil-fidi tiegħu li hu kien parti mil-fdal, jiġifieri, dik il-parti tan-nazzjon ta' Iżrael, li kienet lesta li tobdi lil Alla, jkun xi jkun il-prezz!

*Applikazzjoni moderna:*

*Hemm "fdal" fost il-Kristjani, illum? Huwa n-numru ta' Kristjani li Alla jikkunsidra "l-poplu tiegħu" attwalment iżgħar minn numru ta' nies li jipprofessaw il-Kristjaneżmu?*

*Din it-tieni sezzjoni ta' Skrittura fiha verità li ħafna fis-soċjetà jeħtieġu li jisimgħu. Ħafna gruppi reliġjużi, sempli-ċiment jassumu li jekk inti tgħid li int Kristjan, Alla Hu marbut biex isalvak. In-nazzjon ta' Iżrael kien għamel l-istess żball! Huwa wkoll interessanti li tinnota, li "l-lezzjoni" li Pawlu jġib 'il quddiem f'Rumani kapitli 9 sa 11 (jiġifieri, 'li l-Lhud biss li juru fidi ubbidjenti fi Kristu huma l-poplu ta' Alla'), tkun ikkunsidrata bħala 'razzista,' u l-opinjoni ta' bigotta jew fanatiku, minn ħafna mill-knejjes denominattivi taż-żmien tagħna.*

**"Skond il-għażla tal-grazzja"**—'skond l-għażla grazzjuża ta' Alla"; "fi qbil mal-favur mhux immeritat ta' Alla." Ġesù Kristu hu msejjaħ "il-grazzja ta' Alla" (Titu 2:11). Fi Kristu u fit-tagħlim Tiegħu jinsabu l-proviżjonijiet grazzjużi ta' Alla għas-salvazzjoni.

**Rumani 11:6 – "U, jekk inhu bil-grazzja, mhux aktar bl-opri; inkella l-grazzja mhix aktar grazzja."**

**"mhux aktar bl-opri"**—'mhuwiex aktar fuq il-bażi ta' l-opri.' Jekk huma kienu salvati bil-proviżjonijiet tal-grazzja fi Kristu, ma kienx bl-opri tal-liġi Lhudija, jew b'xi opra li kienet tħalli li wieħed jiftaħar. L-Ispirtu s-Santu jgħid:

“*Għax bil-grazzja intom salvati, permezz tal-fidi: u dan mhux minkom infuskom: dan hu don ta’ Alla: Mhux mill-opri, biex ħadd ma jiftaħar. Għax aħna xogħol tiegħu, maħluqin fi Kristu Ġesù għall-opri tajba, li Alla hejja minn qabel biex nimxu fihom*” (Efesin 2:8-10). Alla, mqanqal mill-imħabba, ippreżenta fi Kristu termini grazzjużi tal-ħniena li l-bniedem jista’ jieħu permezz tal-fidi. Is-salvazzjoni ma ġietx bl-opri li jħallu lil min jiftaħar, imma kienet mogħtija minn Alla lil dawk li permezz tal-fidi tagħhom aċċettawha u mxew fit-toroq ta’ Alla.

Punti li tinnota:

Ftakar, fil-Ktieb ta’ Rumani Pawlu mhux qiegħed jagħmel kuntrast bejn il-grazzja u l-ubbidjenza (4:1-5), pjuttost hu qiegħed jagħmel kuntrast bejn il-grazzja u li taqla’/timmerita. Alla ma poġġiex li tikseb is-salvazzjoni fuq il-bażi li taqlagħha jew li tkun imwieled mill-antenati t-tajba, pjuttost Alla poġġa s-salvazzjoni fuq il-bażi ta’ fidi ubbidjenti (Rumani 1:16; 5:1; Efesin 2:8), kondizzjoni li kulħadd jista’ jagħmilha. ‘Ebda ammont ta’ xogħol ma jista’ jħassar dnubiet diġa magħmula. Il-maħfra hija ħaġa tal-grazzja, mhux kustjoni kemm kondizzjonijiet wieħed għandu jwettaq sabiex ikun maħfur...opri li bihom persuna timmerita l-ġustifikazzjoni, u kmandi li persuna għandha tobdi biex tkun salva, huma ħwejjeġ distinti.’

F’din l-ittra lir-Rumani Pawlu diġa enfasizza l-ħtieġa għall-indiema (2: 4-5), Stqarrija (10:9-10), u Magħmudija (6:3-5); u madankollu, Pawlu jikkunsidra dawn il-kondizzjonijiet kollha bħala li huma parti minn salvazzjoni bbażata fuq il-grazzja. U “l-fdal” kienu l-Lhud li kienu obdew dawn il-kondizzjonijiet (Atti 2:38, 41).

*Għalhekk Pawlu jagħti prova li Alla ma remax lill-‘poplu Tiegħu’ (jiġifieri, ma kienx fidil lejhom), billi rrivela l-vera definizzjoni tal-‘poplu Tiegħu.’ Il-poplu ta’ Alla dejjem kien ‘il-fidili’, individwi bħal dawn irċevew il-wegħdiet ta’ Alla (Atti 3:38-39), nies bħal dawn kienu qegħdin igawdu l-*

*barkiet li Alla kien wiegħed fit-Testment il-Qadim (Atti 3:19, 26; 13:38-39; 13:32; 10:43), u xi ngħidu dwar dawk il-Lhud kollha mhux imbierka fiż-żmien ta' Pawlu? Kien Alla mhux fidil lejhom? Le! Huma kienu qaċċtu lilhom infushom 'il barra, permezz tan-nuqqas ta' twemmin tagħhom. Alla qatt ma kien wiegħed li jbierek lil dawk li ma jemmnux!*

Punt tajjeb magħmul huwa: Ipprova li Alla qaċċat Lhudi "wieħed" li lilu Hu għamel wegħdiet Messjaniċi mhux kondizzjonali u s-sema taqa'. Għalhekk il-wegħdiet kollha lin-nazzjon Lhudi fit-Testment il-Qadim, f'riferenza għal li jgawdu l-barkiet li jġib kienu ikkondizzjonati fuq il-fidi.

Alla offra ħniena u maħfra permezz ta' Ġesù Kristu, u kull min emmen Fih kien magħżul u approvat minn Alla. Kif tennejt qabel, Ġesù hu msejjaħ "il-grazzja ta' Alla" (Titu 2:11). Fi Kristu u fit-tagħlim kollu Tiegħu hemm imħaddna l-proviżjonijiet grazzjużi kollha ta' Alla għas-salvazzjoni. [Il-għażla kienet għażla ħierġa mill-grazzja. Il-grazzja kienet tinsab f'Alla, u l-att li tagħżel kien Tiegħu; imma l-grazzja Tiegħu qanqlet l-att. Għalkemm il-grazzja qanqlet il-għażla, il-grazzja ma kinetx ir-raġuni għaliha. Ir-raġuni eżistiet f'dawk magħżula, mhux f'dak li għażel; u din kienet tinsab fl-ubbidjenza tagħhom lejn Kristu. In-nazzjon ta' Iżrael, Alla irriġettah minħabba d-diżubbidjenza lejn Kristu; l-individwu, Alla żammu fil-favur Tiegħu minħabba l-ubbidjenza tiegħu Lejh. Għażla fil-każ tal-mifdija ma tiġix qabel l-ubbidjenza, u, għalhekk, la hija l-kawża tagħha u lanqas ir-raġuni għaliha. Għall-kuntrarju, l-ubbidjenza tiġi qabel l-għażla, u hija sew il-kondizzjoni tagħha u kemm ir-raġuni għaliha. L-ubbidjenza hija l-att ħieles tal-bniedem, li għaliha hu qatt ma huwa mċaqlaq minn xi għażla minn qabel ta' Alla. L-għażla, minn naħa l-oħra, hija l-att ħieles ta' Alla, imqanqal bil-grazzja, u ikkondizzjonat fuq l-ubbidjenza. Din l-ubbidjenza Alla jfittex biex jaqlagħha permezz ta' l-imħab-ba Tiegħu murija f'Ġesù Kristu (Ġwanni 3:16); imma għal dan Hu mwassal biss permezz ta' l-imħabba Tiegħu għall-bniedem u

qatt minn għażla minn qabel. Għażla vera Skrit-turali, mela, hija ħaġa sempliċi li wieħed jista' jitgħallimha bl-intellett, li hija ċara għall-moħħ.]

**"inkella l-opri mhumiex aktar opri"** – Jekk is-salvazzjoni taħt Kristu hija permezz ta' l-opri, allura l-grazzja u l-opri tilfu l-fatturi li jiddistingwu tagħhom.

**Rumani 11:7** – "**Xi ngħidu, mela? Dak li kien ifittex Iżrael ma kisbux; iżda l-magħżulin kisbuh, u l-oħrajn webbsu qalbhom.**"

"**Xi ngħidu mela**" – X'konklużjonijiet b'mod ta' riżultat aħna għandna noħorġu minn dak li għadu kif intqal? "Kif aħna sejrin niddeskrivu s-sitwazzjoni preżenti, jekk mhux fil-lingwa iebsa ta' versi 1 u 2?" La Alla ma remiex lil Iżrael x'inhu veru? (versi 1-2)

"**dak li kien ifittex Iżrael**" – ġustizzja, relazzjoni ġusta ma' Alla (Rumani 9:31)

"**kien ifittex**" – Fiż-żmien ta' Pawlu n-nazzjon ta' Iżrael kien "għadu jfittex" (temp preżent), (Atti 26:6-7). U sfortunatament, ħafna Lhud fiżiċi "għadhom qegħdin ifittxu" l-wegħdiet li huma jaħsbu li Alla qatt ma wettaq!

"**ma kisbux**" – Kapitlu 9:32 jirrivela għaliex. Huma ħasbu li l-favur ta' Alla kellu wieħed jaqligħu jew jimmeritah, jew li dan kien marbut man-nisel. Iżrael bl-opri tal-liġi ma kisibx il-ġustizzja li huma fittxew, u ma kinux aċċettati minn Alla.

"**kisbuh**" – oriġinarjament li tolqot il-marka; għaldaqshekk li taqa' ma', tixhel fuq, tikseb.

**"kisbuh"** – jiġifieri dak li Iżrael kien qiegħed "ifittex." Imma dawk li bil-fidi aċċettaw il-grazzja ta' Alla offruta permezz ta' Ġesù Kristu, u b'hekk kienu magħżula minn Alla, 'kisbuh.'

Punti li wieħed għandu jinnota:

"Kien hemm xi ħadd li kiseb dak li Iżrael bħala nazzjon fittex? Iva! *Mela ħalli ma nisimgħux aktar dwar il-wegħdiet lil Iżrael li ma kinux imwettqa*. Xi ħadd kiseb dak li Iżrael kollu fittex għalih. Il-fdal (Lhud li jemmnu...u Ġentili) kisbuh. Xi ħadd, mela, f'dak iż-żmien tassew *kiseb* xi ħaġa! X'kisbu huma? Huma kisbu dak li Iżrael kien qiegħed ifittex. Issa, għal darb' oħra, dak kollu li Iżrael fittex, il-fdal kisbuh. Għidli x'kiseb il-fdal u jiena ngħidlek x'kienu l-wegħdiet ta' Iżrael. IL-FDAL MA KISIBX BIĊĊA PROPRJETÀ FIL-PALESTINA U VITTORJA FUQ IL-MAGNA MILITARI RUMANA B'MEZZI MILITARI. Huma kisbu l-Messija u dak kollu li jmur Miegħu!

*Aħna ma nistgħux inwarrbu l-verità ippreżentata hawn. Il-Premillenjalisti jsostnu li Alla ta lin-nazzjon Lhudi wegħda "mhux kondizzjonali" u "art" għal dejjem. U li l-wegħda ta' "l-art" fil-Bibbja lin-nazzjon Lhudi qatt ma kienet imwettqa. Tajjeb, xi ħadd kiseb dak li Alla wiegħed lil-Lhud! "U DIN MA KINETX BIĊĊA ART!*

"**u l-oħrajn webbsu qalbhom**" – "l-oħrajn", jiġifieri l-Lhud li rrifjutaw li jaċċettaw fejn Alla poġġa s-salvazzjoni u fuq liema termini (Atti 13:45-46; 17:5).

"**webbsu**" – "saru stinati"; "kienu magħmula għomja għal verità" Grieg *poroo*; apparentament minn *poros* (xorta ta' ġebla); tippetrifika, jiġifieri (figurattivament) li twebbes (tagħmel stupidu jew stinat): agħma, twebbes. Twebbsu billi rrifjutaw li jemmnu f'Ġesù Kristu.

Illum ukoll hemm ħafna nies reliġjużi li jemmnu dan it-tagħlim falz u jwebbsu rashom billi ma jridux iwarrbuh u jridu jibqgħu jsostnuh!

Punti li wieħed għandu jinnota:

A. Alla ma jwebbisx lil emmiena. Il-fdal ma kienx magħmul agħma għall-verità, għaliex huma *għażlu* li jobduha!
B. Nies isiru "iebsa" jew stinati kontra l-verità, minħabba n-nuqqas ta' twemmin u stinazzjoni tagħhom stess (Ara

Mattew 13:15 "u huma għalqu għajnejhom"; 2 Tessalonikin 2:10-12). L-istess bħal Fargħun! Innota: Il-Fargħun ma kienx magħmul agħma għal dak li Alla kien jeħtieġ minnu, il-Fagħrun fehem għal kollox dak li Alla kien qiegħed jikkmandah permezz ta' Mosè. Il-Fargħun sempliċiment irrifjuta li jobdi!

*"Ġesù ma offriex lil-Lhud (ħafna minnhom) dak li huma riedu, għalhekk, huma warrbu t-tagħlim Tiegħu, ma ridux jismgħuh. Huma ma rawx f'Ġesù xi ħaġa li huma xtaqu."*

**Rumani 11:8 – "Kif inhu miktub: Alla tahom spirtu ta' ngħas qawwi, għajnejn biex ma jarawx, u widnejn biex ma jisimgħux: sa llum."**

"**Kif inhu miktub**" – Għaqda ma Dewteronomju 29:4; Isaija 29:10; 6:9.

Aħna għandna ninnutaw li "twebbis" bħal dan ma jfissirx li nies ma jistgħux jifhmu dak li għallem Ġesù jew l-appostlu Pawlu. Għax l-għedewwa li kienu mwebbsa kontra kemm Ġesù u kemm Pawlu fehmu tajjeb dak li kien qiegħed ikun jiġi mgħallem (Ġwanni 5:18; 10:33; Mattew 27:63; 21:45). Meta Stiefnu ċanfar lil-Lhud li lilhom kien qiegħed jippriedka, hu ma ċanfarhomx talli ma "fehmux" il-Kelma ta' Alla irrivelata permezz tal-profeti tagħhom, imma pjuttost, talli "żammew iebes" kontriha (Atti 7:51). Pawlu juri li dik "l-agħma" kienet imbassra mill-profeti tagħhom. Isaija qal minn qabel li Alla kien se jibgħat fuqhom li ma jarawx, għaliex huma kienu stinati fir-ribelljoni tagħhom (ara Isaija 29:13). Il-qalb tagħhom ma kinetx qrib Alla; għalhekk huma kienu jibżgħu Minnu mhux minħabba t-tagħlim ta' Alla, imma minħabba l-preċetti tal-bnedmin. Meta n-nies iħarsu għal l-għerf u l-preċetti tal-bnedmin minflok għal Alla għal struzzjoni, Alla jgħid li qalbhom hija mbiegħda ħafna Minnu; u meta huma jippersistu f'dik il-korsa, Hu jħallihom fil-agħma li huma jġibu rovina fuqhom infushom. L-istess ħaġa qed tiġri llum permezz tat-tagħlim falz tal-premillenjalisti!

“**Alla tahom**” – Dan għandu jkun mifhum fis-sens li Alla ippermetta li nies jirriġettaw ir-rieda Tiegħu u jirreżistuha (Rumani 1:24, 26). Kif għadna kif rajna, Alla jħalli nies li jemmnu l-iżball, li jsiru stinati, u li jidħlu fi stat ta' injuranza *imponut minnhom infushom*. Il-bniedem hu ħieles li jagħżel hu liema triq irid li jaqbad. Din hija waħda minn dawk il-liġijiet ta' “iżra'-aħsad” fl-istat spiritwali. Jekk inti twarrab il-verità, inti tispiċċa li temmen il-gideb (2 Timotju 4:2-4). Dan hu eżattament dak li l-Premillenjalisti qegħdin jgħallmu dwar dan il-kapitlu, l-iżball, il-gideb, u f'dan is-sens Alla jħallihom jemmnu gidba għaliex huma stinati f'dak li jemmnu u jgħallmu!

**Rumani 11:9 – “U David igħid: Ħa tkun il-mejda tagħhom nassa, u nasba, u ġebla tat-tfixkil, u l-ħlas li ħaqqhom.”**

“**David igħid**” – Salm 69:22-23.

Ħalli dak li kien intenzjonat għat-tajjeb tagħhom isir nassa biex jaqbadhom, ġebla ta' tfixkil li fuqha huma jistgħu jaqgħu, u rikompens biex ipatti għall-ħażen tagħhom. Dan juri kif Alla jittratta mal-bnedmin. Hu jipproponi li jberikom jekk huma jafdaw Fih; imma jekk huma iddeterminati fir-ribelljoni tagħhom, allura l-ħwejjeġ li kellhom iberkuhom ikunu ta' saħta għalihom, imexxuhom fi dnub akbar u jġibu qirda akbar.

**“Il-mejda tagħhom”** – kienet imqiegħda għall-ikel reliġjuż tagħhom. Minflok ma kienu meħuda lejn Kristu permezz tal-liġi (Galatin 3:24), huma kienu maqbuda bl-istinazzjoni tagħhom; huma kienu maqbuda bħallikieku f'nassa...il-ħlas tagħhom ikun kundanna.

“Dak li fih il-Lhud kienu jieħdu gost kienet il-liġi, u l-liġi mifhuma ħażin tat prova għall-qirda tagħhom. Huma riedu li jużaw il-liġi biex iġibu s-salvazzjoni tagħhom stess, minflok twassalhom għas-salvazzjoni fi Kristu (Rumani 9:32; 10:5; 2 Timotju 3:15).

**Rumani 11:10** – "**Ħa jiddallmu għajnejhom, biex ma jarawx, u jilwu daharhom għal dejjem**."

**"Ħa jiddallmu għajnejhom..."** – Ħalli l-għajnejn spiritwali ta' dawk ta' Iżrael li jirriġettaw lill-Messija jiddallmu. Il-Lhud, *għaliex riedu huma*, irrifjutaw li jaraw fi Kristu lill-Messija li kien ilu mwiegħed lilhom. Meta l-bnedmin jirrifjutaw b'mod persistenti biex jagħmlu t-tajjeb, Alla jħallihom għar-rovina tagħhom stess. David, is-sultan li l-Lhud kienu jiftaħru ħafna bih, kien ra li huma kienu tilfu kull tama bir-ribelljoni stinata tagħhom.

**Rumani 11:11 – "Ngħid mela: Tfixklu biex jaqgħu? Allaħares! Imma permezz tal-waqgħa tagħhom ġiet is-salvazzjoni għall-Ġentili, biex tqum il-għira tagħhom."**

**"Tfixxklu biex jaqgħu?"**—"Tfixxklu huma li ma jistgħux jinġiebu lura"—"mitlufa għal kollox"—"it-tfixkil tagħhom wassal għall-qirda assoluta tagħhom."

Il-kuntrast hawn bejn tfixkil u jaqgħu juri li "jaqgħu" hija biex tfisser waqgħa li ma hemm ebda rimedju għaliha, li minnha ma hemm ebda qawmien.

Il-punt reali ta' Pawlu huwa dan, "it-twebbis ta' Alla ta' qalbhom ifisser li Hu ma kienx tassew interessat f'li huma jkunu mberkin? Huwa li Alla ma jridhomx li jkunu slavi?" It-tweġiba bil-qawwa kollha, hija **Le**.

**"Imma permezz tal-waqgħa tagħhom ġiet is-salvazzjoni għall-Ġentili."**—ir-riġezzjoni Lhudija ta' l-Evanġelju, sempliċiment fissret li l-Evanġelju kien ippridkat lill-Ġentili aktar kmieni (Atti 13:46). Huwa mifhum li dawk il-Ġentili biss li jemmnu l-messaġġ kellhom jiksbu din is-salvazzjoni (Rumani 1:16). Il-qbid tal-Lhud fil-jasar wassal lil xi Lhud fidili fl-artijiet tal-Ġentili kif ukoll lil dawk il-Lhud li ma baqgħux fidili. Danjel, Sidrak, Misak u Għabednegu; Eżdra u Neħemija—kollha fidili u tassew lejn Alla—kienu mhux

biss meħuda fil-jasar, imma kienu miġjuba f'assoċjazzjoni mmedjata mas-slaten u l-familji tagħhom. Huma kienu magħmula qaddejja fid-djar tas-slaten, u minħabba l-għerf superjuri tagħhom u l-għarfien u t-tjubija tagħhom, saru l-għalliema tal-prinċpijiet żagħżagħ, u kunsilliera u dawk li jagħtu pariri tas-slaten. Huma għallmuhom l-għarfien tal-veru Alla, imma kieku huma ma kinux ikunu ippreparati li kieku l-Lhud żammew l-esklussività tagħhom.

Bħala eżempju, Ċiru, s-sultan tal-Persja, ta ordnijiet lil-Lhud biex jerġgħu lura u jibnu Ġerusalem mill-ġdid. Alla poġġie-lhom dan f'qalbhom biex jagħmluh. Kif għamel dan? Danjel u sħabu l-qaddejja fid-dar tas-sultan għallmuh dwar il-veru Alla, u l-istorja Lhudija. Permezz ta' din l-influwenza Alla wassal lil Ċiru biex joħroġ digriet għar-ritorn tal-Lhud biex huma jerġgħu jibnu Ġerusalem u jirrestawraw it-tempju ta' Alla. Ħafna mil-Lhud l-aktar fidili, bħal Danjel u l-ulied Lhud, ma marrux lura f'Ġerusalem, imma baqgħu, ma' ħaf-na Lhud, jgħallmu l-għarfien tal-veru Alla, u b'hekk kienu qegħdin jippreparaw lill-Ġentili biex jirċievu lil Kristu meta Hu jkun ġie.

Ħafna mill-ittrattar ta' Alla mal-Lhud u mit-tagħlim tal-profeti kien intenzjonat biex jaffettwa lill-Ġentili b'mod sħiħ daqs il-Lhud. Permezz tal-Fargħun Alla wera lil Eġizzjani u lill-ġnus oħra l-qawwa Tiegħu. David, ir-ragħaj żgħażugħ, qatel lil Goljat, ġgant b'abbiltà kbira fil-ġlied, "...biex l-art kollha tkun taf li hemm Alla f'Iżrael" (1 Slaten 17:46).

**"biex tqum l-għira"**—biex tipprovokahom—mill-Grieg, *paraziloo*, biex tistimula maġenb, jiġifieri, tiċċita għal riva-lità, kompetizzjoni, li tipprovoka għal xewqa li tkun bħal ħaddieħor. Ir-rifjut tal-Lhud biex jaċċettaw lil Kristu kien okkażjoni tal-qirda u t-tixrid tagħhom bħala nazzjon, u tneħ-ħija bħala ostaklu tal-miġja tal-Ġentili għand Kristu. Imbagħad, il-miġja tal-Ġentili, l-ilqugħ tagħhom tad-doni ta' l-Ispirtu, u l-prosperità ġenerali li jġib miegħu l-għarfien ta'

Ġesù Kristu lill-ġnus, tipprovoka lil-Lhud għall-għira u tagħmilhom anzjużi biex jerġgħu jassiguraw il-favur ta' Alla.

**"tagħhom"**—jiġifieri, il-Lhud li kienu għadhom f'kondizzjoni ta' nuqqas ta' twemmin.

X'kien se jipprovoka lil-Lhud (dawk li ma jemmnux) għall-għira? Il-fatt li l-Ġentili kienu qegħdin igawdu dak li kien imwiegħed lill-"friegħi naturali" (Rumani 11:21). U x'kien imwiegħed lill-"friegħi naturali"? Dak kollu li l-Ġentili (dawk li emmnu) kienu qegħdin igawdu. U għaliex Alla ippermetta dan? Biex "il-friegħi naturali" jkunu ipprovokati ħalli jkunu jridu jiġu għand Alla u jgawdu l-wegħda li kienet mogħtija lilhom. Il-Lhud (dawk li ma emmnux) Alla xtaq li jkunu għajjurin li l-Ġentili jkunu qegħdin igawdu (flimkien mal-fdal ta' emmiena Lhud) il-barkiet Abrahamiċi u jduru Għandu biex jiksbuhom huma wkoll. Xewqa kbira wkoll biex tikseb il-barkiet li wieħed jara li oħrajn kisbu qablu.

**Rumani 11:12 –"Issa jekk il-waqgħa tagħhom kienet ta' ġid għad-dinja, u t-telfa tagħhom kienet ta' ġid għall-Ġentili, kemm aktar tkun il-milja tagħhom?"**

**"il-waqgħa tagħhom"**—dak li ġara meta l-poplu Lhudi rriġetta l-Evanġelju. Il-"waqgħa" jew it-telfa bażikament tfisser "riġezzjoni minn Alla;" u "l-għana" hija l-oppost, jiġifieri, "aċċettazzjoni minn Alla."

**"ġid għad-dinja...ġid għall-Ġentili"**—il-Ġentili, ibbenefikaw mir-riġezzjoni tal-Lhud, fis-sens li riġezzjoni bħal din tat aktar ċans lill-messaġġiera ta' l-Evanġelju biex jgħaddu aktar ħin jippriedkaw lill-Ġentili (Atti 13:46-48; 18:6; 19:9-10).

It-tixrid tal-Lhud fost il-Ġentili għen ħafna t-tixrid tal-Kristjaneżmu meta Kristu ġie. "U kien hemm jgħammru f'Ġerusalem Lhud, nies tajba, minn kull ġens taħt is-sema" (Atti 2:5), fil-jum ta' Pentekoste, li, xandru l-aħbar fost il-ġnus.

Imma dan it-tixrid kien ir-riżultat tal-waqa' tagħhom minn Alla u ippreparahom għall-miġja ta' Kristu.

Xi kultant ġnus u nies, li minn pożizzjoni għolja jkunu neżlin għall-pożizzjoni aktar baxxa, jiltaqgħu ma' oħrajn telgħin minn pożizzjoni baxxa għal oħra aktar għolja u jgħaddulhom veritajiet li huma kienu tgħallmu fil-kondizzjoni aktar għolja li jgħinu lil oħrajn fil-moviment li jkun tiela 'l fuq.

**"kemm aktar il-milja tagħhom"**—l-arrikkiment (il-għana) tagħhom isegwi d-dħul tagħhom mill-ġdid! Il-kelma "milja" tal-Ġentili sempliċiment tfisser "barkiet abbundanti" li Alla jagħti lil dawk f'mod spiritwali. Din m'għandha x'taqsam xejn ma xi "numru" ta' nies. Huwa importanti li aħna nifhmu din il-kelma "milja" hawn għaliex din il-kelma nerġgħu nisbuha f'vers 25, fejn xi kummentaturi Premillenjalisti jippruvaw b'mod l-aktar żbaljat jagħmluha li tfisser numru ta' xi xorta. Satana juża kull arma li jista' biex ikisser il-Kelma tal-Mulej u jisraq lil dawk li jkunu qegħdin juru fedeltà Lejh!

Punti li wieħed għandu jinnota:

A. Mela, kif diġa rajna, "il-milja tagħhom," mhix qed titkellem dwar xi konverżjoni futura ta' kull persuna Lhudija fuq wiċċ l-art. Dik hija interpretazzjoni żbaljata għal kollox tal-Kelma ta' Alla.

B. *Milja* f'vers 12, hija mpoġġija f'kuntrast ma' "waqgħa," telfa, ebda waħda minn dan il-kliem ma tissuġġerixxi xi idea ta' "numru." "Il-milja tagħhom" hija l-oppost eżatt ta' "il-waqgħa tagħhom." U billi mhux il-Lhud kollha waqgħu minħabba n-nuqqas ta' twemmin u tilfu l-barkiet tas-salvazzjoni, it-tmiem ta' vers 12 ma jistax ifisser li kull Lhudi, (f'xi żmien fil-futur) jasal għall-fidi. Pjuttost l-appostlu Pawlu qiegħed igħid, "Jekk il-Ġentili ibbenefikaw mir-riġezzjoni ta' Iżrael ta' l-Evanġelju, jekk oħrajn ibbenefikaw mill-isfortuna tagħhom, kemm aktar tkun ħaġa sabiħa, jekk xi wħud minn dawn il-

Lhud li ma jemmnux iduru għal Alla?" Jekk il-Lhud li ma jemmnux sempliċiment iduru għal għand Kristu, huma jkunu mbierka għal kollox!"

C. *Il-waqgħa*. Issa, jekk il-waqgħa tal-Lhud kienet il-mezz li nfetħet l-għana tal-barkiet ta' Alla lid-dinja billi ġġibhom fil-favur ta' Alla, u naqqset l-importanza tagħhom stess, għenet lill-Ġentili biex igawdu aktar mill-favur ta' Alla, kemm aktar pjuttost ir-ritorn tagħhom (tal-Lhud) lejn Alla jbierek lid-dinja? Jekk huma jerġgħu lura lejn Alla, ma jkunux bħala l-poplu esklussiv ta' Alla. Meta huma jerġgħu lura, huma jagħrfu l-kulħadd bħala li qegħdin igawdu l-favur ta' Alla fi Kristu Ġesù, fil-knisja Tiegħu, li hija l-ġisem wieħed Tiegħu (Efesin 4:4). Huma jiġu bħala midinbin jafdaw f'Alla għas-salvazzjoni tagħhom l-istess kif għamlu dawk li naqraw dwarhom f'Atti 2 u f'kapitli oħra ta' Atti.

**Rumani 11:13—"Għax ngħid lilkom Ġentili: Bħala appostlu tal-Ġentili, jien nagħmel ġieħ lill-ministeru tiegħi."**

F'dan il-punt Pawlu għandu xi ħaġa xi jgħid lill-Ġentili. Apparentament kien hemm periklu reali li xi Kristjani Ġentili kienu saru arroganti dwar id-dħul tagħhom u t-tkeċċija tal-Lhud. Jidher li xi wħud forsi ħasbu li Alla kien spiċċa għal kollox ma xi wirt Lhudi. L-isforz huwa biex iqajjem il-gratitudni tagħhom u jwissihom kontra li jabbużaw mill-ħniena ta' Alla murija lilhom.

**"Bħala appostlu tal-Ġentili"**—Atti 26:17-18; Galatin 2:7-8).

**"Jien nagħmel ġieħ lill-ministeru tiegħi."**—Jiena nħossni kburi fil-ministeru tiegħi. Għal raġel bħal Pawlu bi sfond għani Lhudi (Rumani 11:1), li jgħid li hu kien kburi li jkun l-appostlu tal-Ġentili, juri raġel li ħajtu kienet ġiet mibdula radikament. Pawlu kabbar u igglorifika x-xogħol tiegħu billi

wera li l-konverżjoni tal-Ġentili kienet imbassra fil-profezija u x'influwenza sabiħa jkollha fuq id-dinja.

Pawlu qiegħed ikun attent bil-lingwa tiegħu hawn. Hu jgħid, "Jiena kburi li Alla riedni biex nippriedka lill-Ġentili, jiena rrid lill-Ġentili li jkunu salvi wkoll," u madankollu fl-istess ħin, hu qiegħed ifakkar lill-Ġentili, "u Alla għadu jrid lil-Lhud li jsalvaw ukoll."

**Rumani 11:14—"Jekk b'xi mezz nista' nqajjem il-għira ta' dawk li huma demmi, u nsalva x'uħud minhom."**

Pawlu onora l-ministeru tiegħu permezz taż-żelu u l-enerġija bla waqfien tiegħu biex jikkonverti kemm jista' l-Ġentili, jittama li aktar ma hu jġib Ġentili għand Kristu, aktar hu jqanqal lil-Lhud biex jindmu.

**"u nsalva x'uħud minnhom"**—"X'uħud minnhom" hija kelma tal-qofol hawn. Pawlu (fil-fatt, l-Ispirtu s-Santu) ma jaqbilx ma dawk l-għalliema foloz li jgħidu li Alla se jġib lil kull Lhudi għall-fidi f'xi waqt fil-futur. Pawlu *ma jaqbilx* ukoll ma' dawk li jgħidu li Alla għamel wegħdiet bla kondizzjonijiet tas-salvazzjoni lil-Lhud kollha. Jitkellem b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, Pawlu ra biss li "***x'uħud***" mil-Lhud li ma jemmnux jiġu għand Kristu *u mhux* il-Lhud kollha! Kemm hu differenti t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu mit-tagħlim tal-profeti foloz moderni!

Dawk li huma strument tas-salvazzjoni jintqal li jsalvaw (1 Korintin 7:16; 9:22; 1 Timotju 4:16).

**Rumani 11:15—"Għax jekk ir-rimi tagħhom sar ir-rikonċiljazzjoni tad-dinja, x'ikun id-dħul tagħhom, ħlief ħajja mill-mewt?"**

**"ir-rimi tagħhom"**—"tagħhom" hawn tirriferixxi għal dik il-parti tar-razza Lhudija li ma emmnux, għax Alla qatt ma "keċċa 'l barra" lill-"poplu tiegħu" (jiġifieri, is-sezzjoni li

wriet fidi Fih u f'Ibnu (Rumani 9:1). Alla "jkeċċi" biss lil dawk li ma jridux jemmnu (Rumani 11:20).

**"rikonċiljazzjoni tad-dinja"**—ovvjament, mhux kull abitant fid-dinja. Riġezzjoni, għamlet lid-dinja mhux Lhudija tisma' l-messaġġ tar-rikonċiljazzjoni. (Qabbel Rumani 11:11 "salvazzjoni ġiet għall-Ġentili).

**"x'ikun id-dħul tagħhom"**—x'ikun l-aċċettar u d-dħul tagħhom ifisser?"

**"id-dħul"**—mill-Grieg *proslepsis*—tirċievi. Li tieħu għalik innifsek.

*Fuq liema bażi Lhud li ma jemmnux ikunu "aċċettati" minn Alla? Biċ-ċar, 'jekk huma jabbandunaw in-nuqqas ta' twemmin tagħhom u jduru għall-fidi lejn Alla'! (Rumani 1:16; 11:23). U x'jiġri jekk xi wħud jagħmlu dan? Huma jkollhom ħajja spiritwali!*

*"It-tkeċċija ta' Lhud (li ma jemmnux) ma ġabitx ir-rikonċiljazzjoni tad-dinja kollha (kull Ġentili), lanqas "id-dħul tagħhom" ma jfisser li l-Lhud kollha jkunu miġjuba lura għall-favur ta' Alla...Għalhekk, id-dħul lura fil-favur ma' Alla huwa bħall-ħajja mill-mewt. Il-konverżjoni ta' KULL MIDNEB għal Kristu hija ħajja mill-mewt" (Rumani 6:13 – "bħala ħajjin mill-imwiet"). Innota: L-Iben il-Ħali huwa illustrazzjoni tal-"Lhud" mitlufa, li għal darb'oħra sab il-ħajja! (Luqa 15:24, 1-2).*

Ukoll fl-istat imkeċċi tiegħu, il-Lhudi li ma jemminx mhuwiex aktar 'il bogħod mis-salvazzjoni milli kien il-Ġentili li darba kien imbiegħed minn Alla. Il-grazzja xorta tibqa' tbierek lil dak li jemmen. Alla kien ħalef li jbierek lil emmieni u Hu mhuwiex se jerġa' lura mill-wegħda Tiegħu!

Għax jekk ir-rimi tagħhom bħala l-poplu esklussiv ta' Alla fetaħ it-triq għall-ġnus oħra biex jaċċettaw lil Kristu, x'ikun ir-ritorn tagħhom għall-favur ta' Alla jekk mhux li jirċevi-

hom bħallikieku mill-mewt? Huma kienu mejtin u f'kundanna minn Alla waqt li rriġettawh. Ir-ritorn tagħhom lejn Alla jagħtihom ħajja ma' Alla.

**Rumani 11:16 – "Għax jekk l-ewwel frott imqaddes, imqaddsa wkoll il-għaġna, u jekk il-għerq imqaddes, hekk ukoll il-friegħi."**

**"l-ewwel frott"** – jekk l-ewwel biċċa ta' l-għaġin hi mqaddsa, l-għaġna wkoll imqaddsa; hekk ukoll hija l-massa kollha. Din tirriferixxi għall-ħtiġijiet biex toffri l-ewwel frott lil Alla qabel mal-ħsad ikun jista' jittiekel minn nies (ara Levitku 23:10-14).

F'Numri 15:18-21 insibu li l-ewwel prozjon ta' l-għaġna li kien imneħħi mill-għaġina sħiħa, li kienet offruta lil Alla, għamel il-kumplament aċċettabbli għal ikel, jiġifieri, mqaddsa u mbierka.

Mela, kif l-ewwel frott ta' l-Evanġelju kien mil-Lhud fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet, u billi huma kienu f'dak il-waqt meħuda u aċċettati minn Alla, hekk ukoll Iżrael kollu jkun aċċettat jekk huma jaċċettaw lil Kristu bħala l-Messija tagħhom. Huma mhumiex irriġettati b'mod li ma jistgħux jerġgħu jkunu aċċettati, imma jkunu aċċettati *biss* jekk huma jaċċettaw lil Ġesù Kristu u jsiru ubbidjenti għall-fidi.

Il-punt ta' Pawlu f'din is-sezzjoni huwa biex juri lill-Ġentili dak li Alla ma kienx qal dwar il-poplu Lhudi, "huma kellhom iċ-ċans tagħhom imma issa ma rridx naf bil-Lhud." Pawlu jagħmilha ċara li Alla dejjem Hu lest biex jirċievi lil dawk il-Lhud li jduru minn nuqqas tagħhom ta' twemmin (l-istess hu tassew mal-Ġentili). La Alla DIĠA AĊĊETTA "L-FDAL" ta' emmiena Lhud, Hu dejjem lest li jaċċetta lil dawk kollha mir-razza Lhudija li jduru għal Għandu fil-fidi.

**Rumani 11:17 – "U jekk xi friegħi nqatgħu, u int, li int żebbuġa selvaġġa, kont imlaqqam magħhom, biex taqsam magħhom l-għerq u t-tira taż-żebbuġa."**

**"xi friegħi nqatgħu"** – jiġifieri, Lhud li rriġettaw l-Evanġelju (Rumani 11:20). Dawn kienu "l-ulied tas-saltna" li Ġesù qal li jkunu "mixħuta 'l barra" (Mattew 8:11-12).

**"li int żebbuġa selvaġġa, kont imlaqqam magħhom"** – jiġifieri, Ġentili li ġew għand Kristu (Efesin 2:11-22).

**"biex taqsam magħhom l-għerq u t-tira taż-żebbuġa"** – "issiru sħab magħhom mill-għerq għani." L-għerq huwa s-sors tat-tira. Ġentili li emmnu kellhom sehem mill-wegħdiet Messjaniċi kollha, u l-wegħda 'tan-nisel' lil Abraham (Galatin 3:26-29; Rumani 15:27). Dak li kien il-wegħda ta' Abraham, Iżakk u Ġakobb, il-Ġentili li emmnu issa rċevewh!

**"taqsam"** – 'ġew biex jaqsmu magħhom.' 'Magħhom' f'dawn il-versi huma l-Lhud li emmnu.

Punti li wieħed għandu jinnota:

Din is-sezzjoni ta' Skristtura hija tabilħaqq daqqa kbira għall-Premillenjalisti. Għax jekk "il-wegħda ta' l-art" lil Abraham u d-dixxendenti tiegħu qatt ma kienet imwettqa, allura art bħal din mhix imwiegħda lil-Lhud li ma jemmnux (għax Alla qaċċathom, huma ma jaqsmux aktar fil-għerq għani!) imma pjuttost lil-Lhud li jemmnu **u** Ġentili, jiġifieri, il-Knisja! Kif jista' Alla jċaħħad l-art lill-Ġentili wkoll li jemmnu, meta huma ġew *imlaqqma magħhom* u attwalment jaqsmu mal-Lhud li jemmnu l-wegħdiet ta' Alla??? Ċertament Alla wettaq il-wegħda Tiegħu ta' l-art lin-nazzjon ta' Iżrael. Imma dan li għadna kif rajna juri kemm il-Premillenjaliżmu huwa kuntrarju għall-Iskrittura Mqaddsa u mhuwiex ħlief tagħlim ispirat minn Satana!

**Rumani 11:18 – "La tiftaħarx minn fuq il-friegħi. Imma jekk tiftaħar, kun af mhux int li tarfa' l-għerq, imma l-għerq lilek."**

**"La tifaħarx"** – 'tkunx imkabbar fuq'; 'tħallix lilek innfisek tħossok superjuri għal dawk il-friegħi ta' qabel.' Din hija twissija lil dawk fost il-Ġentili li kienu mlaqqma fis-siġra taż-żebbuġġ mhux selvaġġa biex ma jiftaħrux kontra l-friegħi naturali, il-Lhud, li kienu ġew imqaċċtin. Id-dmir kollu tagħhom kien li jitgħallmu dak li Alla jgħidilhom biex jagħmlu u jagħmluh fl-ispirtu li jħallu l-fiduċja tagħhom f'idejn Alla, jagħmlu fil-mod li Hu jordna.

L-emmiena Ġentili m'għandhomx iċedu għat-tentazzjoni biex iħarsu 'l isfel fuq il-Lhud li kienu mqaċċtin. Kieku mhux għall-grazzja ta' Alla li laqqmithom, li daħħlithom, huma kienu jibqgħu mitlufa. Huma ma kinux moralment superjuri għar-razza Lhudija.

**"kun af"** – ħalli din il-konsiderazzjoni tumiljak."

Ħafna mil-Lhud kienu jaraw lilhom infushom indispensabb-li, kienu jaħsbu li 'Alla għandu tassew ikun grat għalihom' (Luqa 18:9-14) u huma sabu lilhom infushom imqaċċtin!

**Rumani 11:19 – "Int tgħid imbagħad: Inqatgħu l-friegħi, biex nitlaqqam jien."**

**"Int tgħid imbagħad"** – Il-Ġentili prużuntużi jippersistu. 'Mhux ma' l-għerq li jiena nqabbel lili nnifsi, imma l-friegħi kienu mqaċċtin...dan ċertament jinvolvi xi superjorità fija.'

Dan kien intqal bħala twissija kontra sentiment ta' tifħir u kburija li l-Ġentili kien jista' jkollhom kontra l-Lhud. Huwa possibbli li huma jgħidu lil-Lhud: "Intom urejtu lilkom in-fuskom li m'intomx denji, għalhekk aħna nqaċċtu, waqt li aħna wrejna lilna nfusna bħala denji u konnha mlaqqma fil-favur ta' Alla."

**Rumani 11:20 – "Tajjeb; minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom inqatgħu, u int bqajt iżżomm bil-fidi tiegħek. La titkabbarx, imma ibża':"**

**"Tajjeb"** – Tajjeb wisq. Xi wħud mill-friegħi naturali kienu mqaċċtin. Imma dan ma kienx xi ħaġa ta' superjorità kontra l-inferjorità. (Qiegħed tara, dan hu sewwasew l-istess żball li ħafna nies Lhud għamlu, jiġifieri, aħna superjuri għal dawk ir-razez li mhumiex Lhud.

**"minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom inqatgħu"** – Huma ma nqatgħux għaliex Alla kien bla fidi, imma għaliex huma ma kellhomx fidi. Alla qatt ma wiegħed li jsalva persuna li tippersisti fin-nuqqas ta' twemmin (Rumani 1:17). L-unika kawża li l-Lhud kienu mqaċċtin kienet *in-nuqqas tagħhom ta' twemmin fi Kristu.*

**"U int bqajt iżżomm bil-fidi tiegħek"** – 'Int obligat għall-fidi tiegħek għall-pożizzjoni tiegħek,' 'int tieqaf biss permezz tal-fidi tiegħek,' 'bil-fidi int iżżomm postok.'

'Għaliex huma kienu mqaċċtin? Minħabba n-nuqqas tat-twemmin. U jekk spirtu ta' kburija jmexxi lit-tilqima l-ġdida —il-Ġentili (li jemmnu)...li tinsa d-dipendenza tagħha (it-tilqima) fuq il-grazzja divina u tibdel il-fidi f'Alla għall-kunfidenza fiha nfisha, hija ssofri l-istess destin bħall-friegħi l-qodma. L-unika bażi għall-aċċettazzjoni tal-Ġentili kienet il-fidi tagħhom fi Kristu.

Ma hemm xejn fil-ġisem tal-Ġentili jew fil-personalità tagħhom li huwa l-bażi ta' l-aċċettazzjoni tagħhom ta' Alla. Il-Lhud tilfu l-barkiet minħabba l-arroganza u s-suppervja tagħhom. Il-Ġentili jistgħu jagħmlu l-istess. Il-fidi hija xi ħaġa li kulħadd jista' jkollu. Kulħadd huwa iġġustifikat bil-fidi u ma hemm l-ebda mod ieħor li xi ħadd jista' jkun iġġustifikat bih (Rumani 5:1-2; 2 Korintin 1:24). Il-Ġentili m'għandhom ebda monopolju fuqha. Kun riverenti imma mhux arroganti.

**“La titkabbarx”** – mill-Grieg, *hupselophroneo*; li taħseb kbir, jiġifieri, arroganti – kun ta’ prinċipji morali sodi. Ieqaf milli tkompli taħseb bis-suppervja.

Kif insibu f’ħafna postijiet fil-Bibbja, aħna nsibu lis-suppervja u li wieħed ikun jistrieħ fuqu nnifsu spiss jiffurmaw l-għerq tad-dnub u nuqqas ta’ twemmin (Rumani 1:22). (Ara speċjalment il-ktieb ta’ Proverbji – 16:18; 17:19; 29:23). Li kieku biss il-premillenjalisti u dawk kollha li jaħsbu bħalhom jaqraw dan il-kliem u japplikawh f’ħajjithom u jwarrbu t-tagħlim żbaljat tagħhom fil-ġenb!

**“Imma ibża’”** – u mhux kif jgħallmu xi reliġjużi li darba int salv dejjem salv! Pawlu jwissi b’mod l-akatar ċar: “...aħdmu s-salvazzjoni tagħkom stess bil-biża’ u t-tregħid” (Filippin 2:12).

**Rumani 11:21 – “Għax jekk Alla ma ħelishiex lill-friegħi naturali, lanqas jeħlisha lilek.”**

Dan konklussivament juri li l-Kristjani jistgħu jġibu ruħhom b’tali mod li jaqtgħu lilhom infushom minn Alla.

L-argument hu qawwi. Il-Lhud kienu wisq aktar assigurati fis-saltna milli kienu l-Ġentili. Huma kienu, fil-lingwa tal-figuri, mhux artifiċjalment imlaqqmin, imma friegħi naturali ...madankollu, ukoll dan ma żammx lil Alla milli jqaċċat lil dawk li ma emmnux.

Ikun proċess wisq inqas vjolenti li tneħħi l-friegħi selvaġġi taż-żebbuġa (friegħi imlaqqma fiha), milli jkun li tneħħi dawk li kienu oriġinarjament jappartjenu għas-siġra ikkultivata. Hija ħaġa ta’ l-għaġeb kif in-nies jippruvaw iduru mat-tagħlim li fih dan il-vers.

Jekk Alla ma ħelisiex lil ulied Abraham u Iżakk u Ġakob, li Hu kien iħobb, ħu ħsieb dwar il-fedeltà tiegħek, li ma jmurx iwarrab lilek ukoll. Alla mhux se jittollera n-nuqqas ta’ twemmin u fiduċja fik innifsek bħala Ġentili aktar milli ma ttollerax fil-Lhudi.

**Rumani 11:22 – "Ara, mela t-tjieba u l-qilla ta' Alla: il-qilla fuq dawk li waqgħu; iżda t-tjieba fuqek, jekk int tibqa' fit-tjieba tiegħu: inkella tkun maqtugħ int ukoll."**

**"Ara"** – 'żomm il-ħarsa tiegħek'; 'Ikkunsidra t-tnejn.' Alla Hu magħruf għal żewġ kwalitajiet li apparentament jidhru li huma kontradittorji. Waħda hija t-tjubija, ħniena; u l-oħra hija qilli, ħruxija.

**"it-tjieba"** – ħlewwa, ħniena.

**"qilla"** – mill-Grieg *apaotomia* – li jaqta' barra, jiġifieri, severità, aħrax. 'Dak li jaqta' malajr.' 'Ħruxija jew severità li taqta' barra.'

**"jekk int tibqa' fit-tjieba tiegħu"** – Kif wieħed jibqa' jew ikompli fit-tjieba ta' Alla? Biċ-ċar, kompli emmen!

'Fit-tjieba Tiegħu u fil-qilla Tiegħu Alla la huwa tirann u lanqas kapriċċjuż; il-wiri ta' kull waħda, jiġifieri, sew it-tjieba u kemm il-qilla jiddependi fuq l-attitudni tal-bniedem lejn Alla.

Punti li wieħed għandu jinnota:

A. L-obbligazzjoni li wieħed jibqa' fil-favur ta' Alla hija r-responsabbiltà ta' l-individwu.
B. Nies jispiċċaw maqtugħin minn Alla u mitlufa, minħabba l-ebusija ta' ras tagħhom stess.
C. Dawn il-versi kienu miktuba lill-kongregazzjoni lokali. Qiegħed Alla jgħidilhom, "tikkonfondux dwar dawk il-Kristjani li ma baqgħux fidili, jiena xorta waħda se nsalvahom?" Huwa dak il-messaġġ? Hekk jgħallmu l-premillenjalisti! Jew, Alla qiegħed jaqta' linja u jwissina lkoll, li kull min jieqaf milli jkompli jafda Fija, ikun maqtugħ, imqaċċat!

Fuq il-Lhud, li minkejja t-tjubija u l-ħniena Tiegħu lejhom, huma warrbuh u rrifjutaw li jkomplu jafdaw Fih u jobduh,

Hu kien aħrax magħhom u kkundannahom. Hu qeridhom bħala poplu.

Imma fuq il-Ġentili, li għalkemm missirijiethom kienu mingħajr Alla, u mingħajr tama fid-dinja, kienu emmnu fi Kristu, u Alla sawwab fuqhom it-tjubija u l-ħniena tiegħu, jekk huma jkomplu fit-triq tal-fedeltà li fiha l-ħniena ta' Alla kienet tinsab, imma jekk le, huma wkoll ikunu mqaċċ-tin, u mbagħad il-korla Tiegħu taqa' fuqhom ukoll.

Dawn il-versi huma mmarkati bi twissijiet irripetuti u ċari lill-Ġentili li emmnu, kontra li huma jaqgħu mill-istat ta' favur ma' Alla kif kienu waqgħu l-Lhud. U t-twissija hija l-istess xierqa u meħtieġa għalina li nemmnu llum!

**Rumani 11:23 – "U dawk ukoll, jekk ma jibqgħux ma jemmnux, ikunu mlaqqmin: għax Alla jista' jlaqqam-hom mill-ġdid."**

**"dawk ukoll"** – jiġifieri, il-Lhud li ma jemmnux. Sakemm in-nies għandhom il-ħajja, huma jistgħu jkunu salvati, dej-jem jekk huma jwarrbu n-nuqqas ta' twemmin tagħhom. Waqt li Pawlu jwissi lill-Ġentili li jekk huma ma jkomplux fit-tjubija ta' Alla huma jkunu mqaċċtin, huwa jżomm l-assigurazzjoni għal-Lhud li jekk huma jduru minn nuqqas tagħhom ta' twemmin li kien il-kawża li huma tqaċċtu minn Alla, allura Alla jerġa' jlaqqamhom.

*Nota: Alla qiegħed jistenna b'idejn miftuħa għal dawk koll-ha li jabbandunaw is-suppervja u l-arroganza tagħhom u jaċ-ċettaw it-tagħlim ta' l-Evanġelju. Wieħed m'għandux jitfa' l-ħtija fuq Alla li nies (ukoll nies li inti tħobb) jispiċċaw mitlufa. Kull wieħed u waħda li qatt għexu għandhom fihom l-abbiltà biex jiġu għand Alla,* ***jekk huma jgħażlu li jagħ-mlu dan****.*

**Rumani 11:24 – "Għax jekk int kont maqtugħ miż-żebbuġa li min-natura hi selvaġġa, u kont imlaqqam**

**kontra n-natura f'żebbuġa tajba: kemm aktar u aktar dawn, li huma (l-frieghi) naturali, ikunu mlaqqmin fiż-żebbuġa tagħhom stess?"**

**"kontra n-natura"** – Il-ħaġa ta' sorpriża mhix li Lhud jistgħu jinġiebu lura fil-ġisem tal-veru poplu ta' Alla; huma kellhom (f'dak iż-żmien) kull vantaġġ spiritwali u reliġjuż. Il-ħaġa stramba hija li l-Ġentili jistgħu jkunu salvati min-kejja l-wirt tagħhom ta' panteiżmu (qima lil ħafna allat) u ateiżmu u idolatrija...x'inhu aktar naturali fuq il-parti ta' Lhudi minn ritorn tiegħu għall-vera fidi ta' missirijietu u l-aċċettar tal-Messija mbassar mill-profeti tiegħu?

Jekk il-Ġentili kienu maqtgħuha mis-siġra selvaġġa taż-żebbuġ (il-ġnus diżubbidjenti) u kienu mlaqqma fis-siġra t-tajba taż-żebbuġ, kemm aktar pjuttost għandhom dawn il-friegħi naturali jkunu mlaqqma lura fis-siġra tagħhom stess? [Jekk il-Lhud kellhom jibdlu l-attitudni tagħhom lejn Alla u lejn Kristu, Alla jista' konsistentament bil-prinċipji Tiegħu ta' amministrazzjoni, jibdel l-attitudni Tiegħu lejhom u jlaqqamhom fil-favur Tiegħu mill-ġdid. Hu ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li lkoll jiġu għal l-għarfien tal-verità kif inhi fi Kristu u jkunu salvati. Għal dan l-iskop Hu laqqam is-siġra selvaġġa taż-żebbuġ fis-siġra t-tajba].

**Rumani 11:25 – "Għax ma rridx, ħuti, li ma tkunux tafu b'dan il-misteru, li ma taħsbux li intom għorrief fi ħsibi-jietkom; biċċa minn Iżrael webbsu qalbhom, sama l-milja tal-Ġentili tidħol."**

**"Għax ma rridx"...li ma tkunux tafu"** – Pawlu ried lis-sem-miegħa li jkunu nfurmati (1 Korintin 10:1; 12:1; 2 Korintin 1:8; 1 Tessalonikin 4:13).

**"b'dan il-misteru"** – Misteru mhux fis-sens pagan ta' dottrina eżoterika, sigrieta għal dawk tal-bidu, imma r-rieda irrivelata ta' Alla issa magħmula magħrufa lil kulħadd (1 Korintin 2:1, 7; 4:1 li tinkludi l-Ġentili – Rumani 16:25; Kolossin 1:26;

Efesin 3:3-11). Sfortunatament, il-Premillenjalisti jagħtu tifsira żbalja-ta għal kollox ta' din il-kelma biex iwasslu t-tagħlim falz tagħ-hom dwar il-knisja.

Il-kelma "misteru" tinsab 29 darba fit-Testment il-Ġdid, il-biċ-ċa 'l kbira tagħha tinsab fl-ittri ta' Pawlu, sitt darbiet f'Efesin. Huwa importanti, mela, li wieħed josserva kif din il-kelma hija wżata, speċjalment minn Pawlu. Pawlu jitkellem dwar bosta misteri: "il-misteru ta' Alla u tal-Missier u ta' Kristu" (Kolossin 2:2) jiġifieri, li titgħallem dwar Kristu huwa li titgħallem il-misteru ta' Alla; "il-misteru ta' l-evanġelju" (Efesin 6:19), jiġi-fieri, li l-Ġentili għandhom sehem mill-wegħda fi Kristu Ġesù, permezz ta' l-Evanġelju (Efesin 3:1-7) ; "il-misteru tar-rieda tiegħu" (Efesin 1:9), jiġifieri, "il-misteru ta' l-Evanġelju" li kien magħmul magħruf permezz tal-knisja (3:10); "il-misteru tal-fidi" (1 Timotju 3:9), jiġifieri, dawk il-veritatjiet li jistgħu jkunu magħrufa biss lill-bniedem permezz ta' rivelazzjonijiet diretti, veritajiet li ma jistgħux ikunu milħuqa b'xi proċess ta' raġunar minn osservazzjoni naturali; "il-misteru tat-tjieba" (1 Timotju 3:16), jiġifieri, "rivelazzjoni tal-verità oriġinarjament moħbija mill-għarfien tal-bniedem, il-Kelma, li saret bniedem, hija għall-bnedmin is-sors tat-tjubija; "il-misteru tal-ħażen" (2 Tessalonikin 2:7), jiġiferi, dan mhuwiex miftuħ fix-xogħol tiegħu, ma jidhirx, u huwa ta' l-ispirtu li jwarrab il-liġi ta' Alla.

Dawn is-siltiet (u oħrajn) juru illi li tiddesrivi persuna jew suġġet bħala "misteru", mhux neċessarjament jimplika li dawk mhumiex magħrufa għal kollox. Jista' jkun magħruf u madan-kollu għadu misteru għaliex ma jkunx magħruf għal kollox. Alla kien magħruf f'Iżrael madankollu Pawlu jitkellem dwar "il-misteru ta' Alla." Kristu kien Alla "muri fil-ġisem." Hu kien fuq l-art u l-fatti tal-ħajja Tiegħu fuq l-art kienu magħrufa sew-wa. Madankollu, Pawlu jitkellem dwar "il-misteru ta' Kristu." Speċjalment ta' min jinnotah huwa dak li naqraw fl-1 Timotju 3:16 fejn Pawlu jitkellem dwar "il-misteru tat-tjieba" u mbagħ-ad jirriferixxi għall-ġrajjiet fil-ħajja ta' Kristu fuq l-

art li kienu magħrufa minn u rawhomn il-Kristjani li kienu fi Kristu qabel. Konsegwentament skond Pawlu, b'ispirazzjoni, misteru jista' jkun verità li wieħed li jemmen biss jista' jifhimha jew tkun verità li tkun magħrufa biss parti minnha, imma mhux neċessar-jament  xi ħaġa ġdida għal kollox jew mhux magħrufa għal kollox.

"Dan il-misteru" huwa msemmi f'dan il-vers, jiġifieri, li biċċa minn Iżrael webbsu qalbhom. Misteru ma jibqax aktar misteru wara li dan ikun spjegat minn bniedem ispirat. Kien misteru, jew sigriet, li l-ebusija kienet ġiet fuq parti mil-Lhud sakemm l-Evanġelju kien ippridkat għal kollox lill-Ġentili.

**"li ma taħsbux li intom għorrief fi ħsibijietkom"** – 'fl-istima tagħkom infuskom' – li nżommkom milli taħsbu tajjeb wisq dwarkom infuskom.'

'Pawlu jrid li jevita l-arroganza. Hu ma jridhomx li jħossuhom superjuri għalhekk iridhom jifhmu x'kien qiegħed jagħmel Alla b'Iżrael.

Pawlu kien qiegħed jgħaddi ħin mhux ħażin fuq dan il-punt, jittama li l-Kristjani Ġentili jkunu jistgħu jevitaw l-iżball li l-poplu Lhudi kien għamel, jiġifieri, li huma l-Lhud kienu jaħsbu li l-pożizzjoni tagħhom ma' Alla kienet ibbażata fuq wirja morali jew xi superjorità li wirtuha, bħala razza.

**"biċċa minn Iżrael webbsu qalbhom"** – dan jaqbel ma' Rumani 11:7-10. Mhux kull Lhudi kellu qalbu mwebbsa ('biċċa minn'), dawk biss li ma emmnux, stinati, sezzjoni ta' Iżrael li kienu jafdaw fihom infushom li rriġettaw l-offerta ta' Alla tas-salvazzjoni fl-Evanġelju. Ftakar: li dan ma kienx twebbis tal-qalb kontra r-rieda jew l-għażla tagħhom. Huma kienu qatgħu barra lilhom infushom (Rumani 11:20).

**"sama l-milja tal-Ġentili tidħol"** – sama l-milja tal-Ġentili tkun daħlet.

Punti li wieħed għandu jinnota:

A. It-tifsira tal-kelma 'sama.' Xi kultant din għandha l-idea ta' dewmien u tmiem fiha. Iżda, hemm waqtiet, meta l-kelma m'għandix tifsira bħal din. Hemm waqtiet meta l-kelma 'sama' hija wżata u ebda bidla ta' ċirkustanza ma hija ssuġ-ġerita meta l-ġrajja kkunsidrata tasal (Rumani 5:13; Rivel-azzjoni 2:25; Ġwanni 5:17; Rumani 8:22).

B. It-tifsira tal-kelma 'milja.' Xi kummentaturi jemmnu li din tfisser 'numru sħiħ.' Dawn jgħidu li meta l-aħħar Ġentili f'dan in-numru ippredeterminat (jiġifieri, in-numru speċifi-kat ta' Ġentili magħruf għal Alla) ikun ikkonvertit imba-għad l-istat ta' ebusija ta' Iżrael jispiċċa. U madankollu, kif diġa rajna, l-istess kelma eżatta hija wżata f'Rumani 11:12, mingħajr xi suġġeriment ta' numru!

C. F'Rumani 11:12, 'milja' hija mpoġġija f'kuntrast ma' 'waqgħa/nuqqas/telfa.' Jidher li 'milja' titkellem aktar dwar *stat ta' barka*, milli numru sħiħ ta' nies.

D. Xi wħud iħarsu lejn Rumani 11:25 bħala li huwa profezija għall-ġrajjiet fil-futur. L-Iskrittura ma taqbilx ma' dan! L-appostlu Pawlu diġa kien qal f'dan il-kapitlu l-istess verità f'lingwa differenti. Pawlu diġa kien qal li parti li webbsu qalbhom kienet diġa saret (Rumani 11:7-10). Pawlu diġa qal li "ebusija" bħal din fetħet il-bieb għall-predikar lill-Ġentili, li rriżulta f'li l-Ġentili jkunu salvi, u jiksbu l-barkiet ta' Alla (Rumani 11:11-12).

E. "*Sama l-milja tal-Ġentili tidħol*."

*Għalhekk 'il-milja tal-Ġentili kienet daħlet,' Pawlu sempli-ċiment kien qiegħed itenni mill-ġdid il-verità li tinsab f'Ru-mani 11:11-12. Stinazzjoni tal-Lhud u nuqqas ta' twemmin fetħu l-bieb għas-salvazzjoni (il-milja tal-barkiet ta' Alla) lill-Ġentili.*

F. U t-tifsira tal-kelma 'sama'? Tissuġġerixxi din 'waqfa' misterjuża u mirakoluża għall-ebusija imponuta minn Alla? Ċertament li Le! Għax 'l-ebusija' kienet 'imponuta mil-Lhud infushom' (Mattew 13:15; Atti 7:51). L-uniku

mod li din l-ebusija tista' titwaqqaf kien għal dawk il-Lhud li ma ridux jemmnu li jwarrbu n-nuqqas ta' twemmin tagħhom. Dik hija ħaġa ta' rieda ħielsa.

G. Il-wasla "tal-milja" m'għandha x'taqsam xejn ma xi dħul fil-futur tal-Ġentili jew ma' xi numru ieħor maġiku jew speċjali ta' nies. Il-kelma "milja," nerġa' nirripeti, ma tirriferixxi xejn hawn (l-istess ukoll f'vers 12) għal numru. Din sempliċiment tfisser "sakemm il-predikaturi ta' l-Evanġelju daru għall-Ġentili u s-salvazzjoni tal-Ġentili saret fatt." "Il-milja" tal-Ġentili, mela, kienet diġa fatt storiku fiż-żmien li Pawlu kiteb.

Il-problema reali f'li tagħmel Rumani 11:25 profezija mħabbra minn qabel hija: Għal elfejn sena l-maġġuranza l-kbira ta' Lhud irriġettaw l-Evanġelju. Imma xi nies jgħidulna, iva, imma Alla xi darba sejjer jikkonverti ġenerazzjoni sħiħa ta' Lhud. Tajjeb, imma xi ngħidu dwar dawk il-miljuni kollha ta' Lhud mitlufa matul l-aħħar elfejn sena??? Kif jgħinhom dan? U m'għandniex ninsew li "*Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*"! (Atti 10:34; Rumani 2:11; Galatin 2:6; Efesin 6:9; Kolossin 3:25; 1 Pietru 1:17).

**Rumani 11:26 – "U hekk Iżrael kollu jkun salvat: bħalma hu miktub: Minn Sijon joħroġ il-Feddej, u jwarrab il-ħażen minn Ġakobb."**

**"U Hekk"** – "Hekk" hija avverbju ta' manjiera; din hija hawn traduzzjoni ta' kelma Griega (*houtos*), li tfisser, "f'dan il-mod jew manjiera, hekk, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, b'dan il-metodu."

Premillenjalisti moderni jgħidu, b'mod l-aktar żbaljat, li se jkun hemm konverżjoni tal-massa tan-nazzjon ta' Iżrael fiż-żmien tar-ritorn ta' Kristu, fit-Tieni Miġja tiegħu. Huwa maħsub, minn xi wħud li dan kien it-twaqqif ta' Iżrael bħala nazzjon indipendenti fl-1948. Wieħed mit-testi applikati biex

jappoġġja din il-prepożizzjoni huwa Rumani 11:26. "*...U hekk Iżrael kollu jkun salvat...*" Xi tfisser din il-klawsola?

L-ewwel, aħna għandna niddeterminaw kif it-terminu "Iżrael" huwa wżat? Qiegħed Pawlu jitkellem dwar Iżrael nazzjonali, jew dwar Iżrael spiritwali (il-knisja—Galatin 6:16)? Il-kuntest jindika li Pawlu qiegħed jiddiskuti Iżrael *nazzjonali*. F'Rumani kapitli disgħa sa ħdax, il-kelma "Iżrael" tinsab ħdax-il darba. F'kull każ din tirriferixxi għal-Lhud; ma hemm ebda raġuni li wieħed jitbiegħed minn dik it-tifsira hawn.
It-tieni, is-silta xorta għad mhix tafferma konverżjoni tal-massa għal Iżrael nazzjonali. Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ma jgħidx: "u *mbagħad* Iżrael kollu jkun salvat." L-avverbju "hekk" (*houstos*) ifisser "f'dan il-mod, b'dan il-metodu" għandu Iżrael kollu jkun salvat (li jagħżel biex isalva).

Xi traduzzjonijiet tal-Bibbja għandhom dan il-vers tradott żbaljat u b'hekk inganna ħafna f'li jaċċettaw it-tagħlim falz tal-premillenjalisti. Sew dawk bl-Ingliż (bħall-Verżjoni ta' Knox fejn tgħid: "*then* the whole of Israel ...") u kemm dawk bil-Malti, (bħall-Verżjonijiet ta' l-Għaqda Biblika Maltija, 1975 u 1977, fejn jgħidu, "*Imbagħad* Iżrael kollu jkun salvat", insibu dan l-iżball. Imma fil-verżjoni ta' l-1996, ta' l-Għaqda Biblika Maltija dan l-iżball kien irranġat fejn dan il-vers jinqara hekk: "*U hekk* Iżrael kollu jkun salv..." Sfortunatament, ħafna għadhom jagħtu l-interpretazzjoni l-ħażina ta' dan il-vers billi għadhom isostnu dak li jintqal fil-verżjonijiet żbaljati li jiena semmejt u b'hekk huma jgħallmu tagħlim li l-Ispirtu s-Santu mhux qiegħed igħallem fil-Kelma Tiegħu! Huma jippreferu li jaċċettaw it-tagħlim falz ta' Satana milli jaċċettaw it-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu!

Pawlu diġa kien qalilna "kif," wieħed jista' jsalva, jiġifieri, bil-fidi (Rumani 1:16; 11:13). Li tgħid li Alla sejjer, f'xi żmien fil-futur jinterponi (jindaħal) u jsalva lil kull Lhudi ta' ġenerazzjoni fil-futur (kontra r-rieda tagħhom), ikun li tagħmel vjolenza lil l-Evanġelju nnifsu li ppriedka Pawlu. Dan jagħmel vjolenza

lill-premessa prinċipali tal-Ktieb lir-Rumani (Rumani 1:16). L-appostli għallmu li sew il-Lhud u kemm il-Ġentili huma salvi eżattament bl-istess mod (Atti 15:9, 11).

"Jekk il-Lhud iduru għal Kristu fil-fidi huma jkunu salvati (Rumani 11:23). *F'dan il-mod* (Rumani 11:26) kull wieħed "Iżraeli" jkun salvat skond il-profezija ta' Isaija 59. Biex b'hekk intom Ġentili tkunu assigurati li Alla kien fidil lejn kul-ħadd. Hu ma warrab lanqas wieħed biss min-nies (reali) Tiegħu biex idaħħal lilkom.

Pawlu qiegħed igħid hekk: "*U hekk, f'dan il-mod, b'dan il-metodu li għadni kif semmejt fil-kapitli ta' qabel, jiġifieri, fuq il-kondizzjoni li jkollhom il-fidi, Iżrael kollu jkun salvat.*" Is-salvazzjoni hija biss għal dawk li jkollhom il-fidi, li jilqgħu l-kondizzjonijiet, u li jagħżlu huma li jidħlu ġewwa bil-volonta tagħhom infushom!

"*U hekk Iżrael kollu jkun salvat*" mhuwiex xi stqarrija li qed tbassar li xi "numru" ta' Lhud sejjer xi darba jkun salvat, lanqas lis-salvazzjoni ta' xi ħadd sejra tkun b'xi pjan barra minn dak li taċċetta l-kondizzjonijiet ta' l-Evanġelju. Kull ma wieħed għan-du jagħmel huwa, mhux iħares lejn it-tagħlim falz tal-Premille-njalisti, imma jkompli jaqra dan il-kapitlu (Rumani 11) u jaqra vers 31 fejn l-Ispirtu s-Santu, li kien jaf sewwa x'tagħlim falz kien se jingħad dwar vers 26, jgħidilna dwar Iżrael skond il-ġisem f'kuntrast għall-Ġentili, permezz ta' Pawlu, li huma (il-Lhud) ukoll "*jistgħu*" jkollhom il-ħniena. Hawn ukoll, sfortuna-tament, it-traduzzjonijiet kollha tal-Malti jħallu din il-kelma barra (*jistgħu*) li fiha tifsira ta' importanza kbira għas-suġġett tagħna. Din tfisser li l-ħniena hija miftuħa għalihom, hija poss-ibbli għalihom, u, skond għall-vers 23, din hija ikkondizzjonata fuq li huma jkollhom il-fidi. Vers 26, għalhekk, sempliċiment jiddikjara "l-mod", il-manjiera jew il-metodu li bih Iżrael kollu, li jekk iridu jistgħu jsalvaw bih, għandhom ikunu salvi bih. Vers 26 mhuwiex xi stqarrija li qed tbassar jew tipprofetizza li xi ħaġa sejra tiġri fil-futur; dan sempliċiment qiegħed jgħid jew jiddikjara u jenfasizza li l-

ġustifikazzjoni hija bil-fidi, li hija t-tema ta' l-ittra lill-Kristjani Rumani. Jekk aħna nżommu dan il-prinċipju ċar u l-ħin kollu f'moħħna, is-silta mhix tabilħaqq daqshekk diffikultuża biex ninterpretawha.

U xi ngħidu dwar dawk 'il-Lhud' li jirrifjutaw li jemmnu? Bin-nuqqas ta' twemmin tagħhom huma juru li ma jappartjenux fil-grupp ta' nies magħruf bħala 'l-poplu ta' Alla' (Rumani 2:28-29; Rivelazzjoni 3:9).

**"bħalma hu miktub"** – Isaija 59:20-21.

Hawn għandna prova oħra li din is-sezzjoni m'għandniex in-ħarsu lejha bħala profezija għall-futur, ta' xi ħaġa li se tiġri fil-futur, qrib it-tmiem taż-żmien.

**"Minn Sijon joħroġ il-Feddej"** – L-ispirazzjoni ma tgħidx "mis-smewwiet" joħroġ il-Feddej imma tikkwota Isaija 59:20. Tassew li l-Ispirtu s-Santu kien jaf x'tagħlim falz kien se jkun mgħallem dwar Rumani 11 u għalhekk ta kull prova biex wieħed ikun jista' jikkumbatti dak it-tagħlim falz! Hi x'inhi l-konverżjoni li jesperjenza Iżrael, din tkun f'konnessjoni mal-miġja *inizjali* ('joħroġ minn Sijon' *l-ewwel* miġja ta' Kristu) u mhux mat-tieni miġja Tiegħu ('joħroġ mis-smewwiet'). Kieku Kristu antiċipa konverżjoni nazzjonali ta' Iżrael, kieku kien jagħti xi ħjiel ta' ħaġa bħal din. Iżda hu QATT MA GĦAMLU DAN; għall-kuntrarju, Ġesù ta' spiss wera n-nazzjon Lhudi fid-dawl negattiv ħafna (ara Mattew 3:10; 21:19, 43; 22:1-8; 23: 38).

**"u jwarrab il-ħażen minn Ġakobb"** – Il-Premillenjalisti jar-gumentaw li din is-silta tapplika għall-konverżjoni futura tal-Lhud. U madankollu, l-appostlu Pietru juża kważi l-istess lingwa eżatt meta ppriedka lil-Lhud elfejn sena ilu (Atti 3:36 – "*Għalikom l-ewwel Alla qajjem il-Qaddej tiegħu u bagħtu biex iberikkom* ***billi jdawwar lil kull wieħed minnkom mill-ħażen tiegħu***."). Alla kien qiegħed jipprova jwassal lil-Lhud biex iduru mill-ħażen tagħhom elfejn sena ilu. "Ġakobb" ma tistax hawn tfisser id-dar skond il-ġisem ta' Iżrael, imma l-

veru Iżrael ta' Alla li jemmen fi Kristu. Minn dawn, Ġesù Kristu, il-Feddej, iwarrab il-ħażen (Rumani 2:28-29; 9:6-9; Galatin 3:28-29).

**Rumani 11:27 – "Għax din hi r-rabta tiegħi magħhom, meta nneħħi dnubiethom."**

Dan jinstema' wisq bħal Ġeremija 31:33. Il-Premillenjalisti jiċħdu li l-patt il-ġdid ta' Ġeremija 31:31-40 issa hu kurrenti. Imma l-Ispirtu s-Santu jeħodha kontrihom billi juri ċar ħafna fil-Bibbja li patt bħal dan kien jopera fl-ewwel seklu (Ara Lhud 8:6-10; 10:10). Aħna, bħala l-knisja ta' Kristu, ma' l-Ispirtu s-Santu naqblu u mhux mal-Premillenjalisti! Dan ir-riżultat, li dawk kollha li jaċċettaw lil Kristu jkunu meħlusa mid-dnub, huwa l-patt li Alla għamel magħhom, u dan il-patt huwa komp-lut magħhom meta Hu jneħħi d-dnubiet tagħhom.

Għal darb'oħra "kif ikun salvat Iżrael?" Bil-fidi (Rumani 11: 23), billi jwarrbu l-ħażen (Rumani 11:26), billi jindmu (Rumani 2:4-5), u billi jiksbu l-maħfra ta' dnubiethom (Rumani 11:27), li titlob il-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38). Kull wieħed mill-"poplu Tiegħu: fin-nazzjon Lhudi, ikun sal-vat, għaliex "il-poplu Tiegħu" huma dawk li jafdaw Fih, jiġi-fieri, dawk li jeżerċitaw fidi ubbidjenti f'Alla. Il-poplu Tiegħu jkunu dawk li jduru min-nuqqas ta' twemmin, mill-ħażen tagħ-hom, u joqgħodu għall-kondizzjonijiet għall-maħfra.

**Rumani 11:28 – "Skond l-evanġelju, huma għedewwa, għall-ġid tagħkom: iżda skond il-għażla, huma maħbubin minħabba missirijiethom."**

**"Skond l-evanġelju"** – skond l-Evanġelju u mhux skond il-Premillenjalisti! Skond l-Evanġelju u mhux skond xi tagħlim ieħor li jkun ġej mill-bnedmin!

**"huma"** – mhux il-Lhud kollha, imma l-Lhud biss li rrifjutaw li jemmnu.

**“huma għedewwa”** – Meta hu jħares lejn l-Evanġelju, li huma warrbu, huma għedewwa, l-oġġetti ta’ l-ostilità Tiegħu (ta’ Alla). Dawk kollha li ma jobdux l-Evanġelju jpoġġu lilhom in-fushom fil-pożizzjoni li jkunu għedewwa ta’ Alla (2 Tessa-lonikin 1:8-9; Atti 13:10).

**“għall-ġid tagħkom”** – Riġezzjoni Lhudija ġabet biss il-messaġġ ta’ l-Evanġelju wisq aktar kmieni għall-Ġentili. Il-Ġentili għażlu ’l Kristu li l-Lhud kienu rriġettawh. Huma żam-mew favur u kontra l-Messija, għalhekk, f’dak ir-rispett, huma “għedewwa.”

**“iżda skond il-għażla”** – ‘mill-għażla ta’ Alla’; ‘imma fl-iskop ta’ għażla Tiegħu Hu xorta jilqagħhom, minħabba missi-rijiethom.’

**“maħbubin minħabba missirijiethom”** – jiġifieri, il-missi-rijiet huma Abraham, Iżakk u Ġakobb. Kull dixxendent ta’ Abraħam kien werriet potenzjali għas-salvazzjoni, l-Evanġelju kien l-ewwel ippridkat lilhom. L-appostlu Pawlu jista’ qiegħed igħid hawn li Alla għadu jixtieq li dawk il-Lhud li ma jemmnux ikunu salvi (Rumani 10:1; 9:1-5).

**Rumani 11:29 – “Għax id-doni u s-sejħa ta’ Alla ma jit-tiħdux lura.”**

**“Għax”** – tista’ tispjega kif il-Lhud li ma jemmnux għad jis-tgħu jkunu ittimbrati bħala ‘maħbubin.’ Alla għadu jżomm il-bieb miftuħ biex huma jkunu salvi. Hu wegħdhom is-salvazzjo-ni fuq il-bażi tal-fidi, ħafna minnhom irriġettawha, u madan-kollu, Alla għadu joffrilhom is-salvazzjoni (2 Pietru 3:9).

**“ma jittiħdux lura”** – ‘irrivokabbli.’ ‘Alla mhuwiex iddispja-ċut għad-doni Tiegħu u għas-sejħa tiegħu tal-Lhud (Rumani 9: 4).’ Il-kmand biex tippriedka l-Evanġelju lill-ġnus kollha, inkluż lil-Lhud, ma kienx imraġġa’ lura (Mark 16:16). Alla li sejjaħ il-familja ta’ Abraham u sawwab fuqhom l-unur li jipp-roduċu lill-Messija, qatt ma nidem minn sejħa bħal din biex

ineħħiha minnhom, b'inkejja d-dnubiet tagħhom ta' spiss u r-ribelljoni tagħhom kontrih. L-offerta Tiegħu għas-salvazzjoni (fuq it-termini Tiegħu) għadha hemm.

**Rumani 11:30 – "Għax bħalma fl-imgħoddi intom ma kontux tobdu lil Alla, iżda issa ksibtu l-ħniena minħabba d-diżubbidjenza tagħhom."**

**"Għax bħalma fl-imgħoddi"** – Dan jirriferixxi għall-istat idolatru u ta' nuqqas ta' twemmin ta' qabel tal-Ġentili, u li l-Evanġelju kien ippridkat lilhom, u li Huma saru ubbidjenti għalih.

**"intom"** – jiġifieri, il-Ġentili li darba kienu diżubbidjenti (Efesin 2:1-3, 11-13; Kolossin 1:21; Titu 3:3; 1 Korintin 6:9-11). Sewwasew fil-ħin li inti taħseb li ma tistax tinbidel, erġa' aqra dawn l-Iskritturi. Għal dawk li jafdaw lil Alla, l-Evanġelju hu kapaċi jibdel l-agħar każ" (1 Timotju 1:13-15).

**"ksibtu l-ħniena minħabba d-diżubbidjenza tagħhom"** – Diżubbidjenza Lhudija kienet ta' benefiċċju għall-Ġentili, jiġifieri, din ġabet il-messaġġiera ta' l-Evanġelju għandhom. L-ilqugħ tagħhom ta' l-Evanġelju, u b'hekk kisbu l-ħniena, kien b'konsegwenza li l-Lhud irriġettaw l-Evanġelju

**Rumani 11:31 – "Hekk ukoll dawn issa kienu diżubbidjenti, biex permezz tal-ħniena murija lilkom huma wkoll jiksbu l-ħniena."**

**"Hekk ukoll dawn issa kienu diżubbidjenti"** – Il-Lhud kienu diżubbidjenti lejn Alla f'li ma emmnux f'Ibnu. Qabel huma kienu ubbidjenti lejn Alla, u l-Ġentili kienu diżubbidjenti; imma issa l-każ huwa l-kontra.

**huma wkoll jiksbu l-ħniena"** – Pawlu kien spjega l-psikoloġija ta' dan f'Rumani 11:13-14. Kif ir-riġezzjoni tal-Lhud ta' l-Evanġelju ikkawżat barka lill-Ġentili, hekk ukoll, minn naħa l-oħra, l-ilqugħ tiegħu mill-Ġentili għandu jikkawża barka lil-Lhud u jwassalhom biex jobduh. Għall-ewwel l-Evanġelju ġie

mil-Lhud lill-Ġentili; issa għandu jmur mingħand il-Ġentili għal-Lhud. B'hekk il-Lhud għandhom jiksbu l-ħniena permezz tal-ħniena murija lill-Ġentili.

**Rumani 11:32 – "Għax Alla għalaqhom ilkoll fid-diżub-bidjenza biex ikollu ħniena ma' kulħadd."**

**"għalaqhom"** – mill-Grieg *sugkleio*; li tagħlaq flimkien, jiġifieri, tinkludi jew (figurattivament) tħaddan f'sottomissjoni komuni għal: - tikkonkludi, tagħlaq ġewwa, issakkar.

Bi frażijiet bħal dawn m'għandniex nifhmu li Alla jisforza lil xi ħadd biex jidneb. F'kapitlu wieħed aħna nsibu li l-Ġentili kell-hom kull xorta ta' 'inċentivi' biex ma jidinbux l-istess kif kien minnu dwar in-nazzjon Lhudi (Rumani 3:1-2; 9:1-5). Imma kulħadd dineb (Rumani 3:23) bl-għażla tagħhom stess, u Alla poġġihom kollha f'kategorija waħda (Lhud u Ġentili), jiġifieri, midinbin (Rumani 3:9) Għaliex? Biex forsi huma jersqu għall-indiema, biex Hu jkollu ħniena fuqhom.

Alla għaddhom kollha bħala diżubbidjenti (Rumani 3:9). U għal din ir-raġuni Hu jordna lill-bnedmin kollha kullimkien biex jindmu (Atti 17:30-31).

Dan ifisser li huwa impossibbli għal xi persuna (Lhudija jew Ġentili) li timmerita s-salvazzjoni tagħha stess. Għalhekk ilkoll neħtieġu s-Salvatur u għalhekk l-Evanġelju hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu (Rumani 1:16).

**"ħniena ma' kulħadd"** –Jiġifieri, fuq kulħadd mingħajr ebda distinzjoni pjuttost milli lkoll mingħajr eċċezzjoni. Sew il-Lhud u kemm il-Ġentili jeħtieġu li jkunu salvati, u l-kondizzjoni biex tirċievi l-ħniena ta' Alla hija l-istess **għat-tnejn**. Fidi ubbidjen-ti. Għalhekk l-appostlu Pawlu ta prova tal-premessa tiegħu f'Rumani 1:16 fejn qal, "Għax jiena ma nistħix mill-Evanġelju ta' Kristu: għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni *ta' kull min jemmen*; l-ewwel tal-Lhudi, u tal-Grieg ukoll."

Alla għalaq lil dawk kollha fid-diżubbidjenza għal nuqqas ta' twemmin, biex b'hekk Hu jestendi t-termini tal-ħniena għal kulħadd. Ilkoll l-istess huma dipendenti fuq il-ħniena ta' Alla. Pawlu jgħid f'Galatin 3:22 , "Imma l-iskrittura għalqet kollox taħt id-dnub, biex il-wegħda, bil-fidi f'Ġesù Kristu, tkun tista' tingħata lil dawk li jemmnu." Pawlu qiegħed igħid hawn li dawk li huma magħluqin fid-diżubbidjenza u taħt id-dnub qatt ma jesperjenzaw il-benefiċċju tal-ħniena ta' Alla, u, konsegwe-ntament, jibqgħu fil-jasar għad-dnub *jekk huma ma jsirux emmiena fi Kristu.* Konsegwentament, sew jekk il-ħniena qatt attwalment tkun irrealizzata jew le jiddependi fuq fidi fi Kristu. B'dan, kulħadd jista' jirrealizzah dan; mingħajru, ħadd ma jista'.

## 4. GĦANJA TA' TIFĦIR LIL ALLA – Rumani 11:33-36

**Rumani 11:33 – "O l-fond bla tarf ta' l-għana sew tal-għerf u kemm tal-għarfa ta' Alla! Kemm ma jistgħux jinkixfu l-ġudizzji tiegħu, u t-triqat tiegħu ma jistgħux jinstabu!"**

*Kif Pawlu issa jħares lura fuq l-aħħar ħdax-il kapitlu, dwar it-temi li ddiskuta u kif Alla ġab is-salvazzjoni sew għal-Lhud u kemm għall-Ġentili, u kif saħansitra t-tweġibiet midinba tal-bnedmin Alla kien jista' jużahom biex iġib is-salvazzjoni għal l-oħrajn.*

Id-dossoloġija ta' versi 33 sa 36 mhux biss iddawwar kapitli 9 sa 11; din tikkonkludi l-argument kollu ta' kapitli wieħed sa ħdax.

**"il-fond bla tarf"** – L-argument ta' Pawlu dwar it-tjubija ta' Alla ħadu fil-għoli u issa fix-xifer ta' preċipizzju hekk kif jik-kontempla l-għerf u l-għarfa ta' Alla, konxju għal kollox dwar in-nuqqas ta' abbiltà tiegħu li jara l-qiegħ bil-qies tar-raġuni u l-kliem uman. Fis-sigrieti ta' Dak li Jista' Kollox ħadd ma jista' jippenetra. Xi wħud, għaliex jifhmu ħażin dan il-kapitlu mill-ittra lir-Rumani, jgħidu, "allura Alla uża lill-poplu Lhudi biex jagħmel il-ħażen billi ma jobdix?" Le, Alla uża *s-*

*sitwazzjoni li l-poplu Lhudi daħal fiha għaliex riedu huma*. U hawn Pawlu qiegħed jgħid li dak l-għerf infinit li rranġa b'dan il-mod li l-kastig tal-Lhud għan-nuqqas ta' twemmin tagħhom kellu jiftaħ it-triq għall-Ġentili biex jemmnu fi Kristu u li l-ilqugħ tal-Ġentili jkun mezz li jġib lura lil-Lhud għal Alla.

Figura universali għal dak li ma jitqies u li ma jistax ikun ikkal-kulat. Il-kastig tal-Lhud għan-nuqqas ta' twemmin tagħhom kellu jiftaħ it-triq għall-Ġentili biex jemmnu fi Kristu, u li l-ilqugħ tal-Ġentili jkun il-mezz li jġib lura lil Iżrael għand Alla.

**"għana"** – Din tirriferixxi għal "l-għana tat-tjubija u l-imħabba ta' Alla." (Rumani 2:4; 10:12; Efesin 2:4; Ġwanni 3:16).

**"sew tal-għerf u kemm tal-għarfa ta' Alla"** – Ir-riżorsi ntell-ettwali huma miġjuba fil-beraħ li bihom Alla ordna, iddispona u ikkontrolla l-qawwiet kollha tad-dinja u ta' l-istorja tal-bnie-dem bħallikieku jagħmilhom jaqdu l-imħabba Tiegħu. Id-dinja, bil-konflitti tar-razez, reliġjonijiet, passjonijiet u vizzjijiet tagħha, tista' tidher li hija qasam ta' kaos; imma meta narawha fid-dawl ta' Alla kif għamel Pawlu, aħna naraw is-sinjali ta' l-għerf u l-għarfa, ta' skop maħsub li jisboq il-ħsieb tal-bniedem. Xi drabi, nies jakkużaw lil Alla għaliex huma ma jistgħux jifhmu, bil-moħħ finit tagħhom, il-kobor bla qies ta' Alla.

**"kemm ma jistgħux jinkixfu l-ġudizzji tiegħu"** – il-kelma 'ġudizzji' tirriferixxi sew għall-ġudizzji li jinvolvu kundanna u kemm għal dawk li jinvolvu s-salvazzjoni. Il-ġudizzji huma "d-deċiżjonijiet" ta' Alla.

Dan jagħmel lil Alla li jagħti rieda ħielsa perfetta lill-bniedem, u madankollu (jagħtih) li jkun jista' jara minn qabel kull att Tiegħu Nnifsu, u jagħtih il-fakultà biex jgħaqqad jew idaħħal lill-bnedmin ta' rieda ħielsa f'kumplikazzjonijiet bla tmiem soċjali, politiċi u kummerċjali, u madankollu jara minn qabel riżultati joħorġu minn numru bla tarf ta' aġenziji ħielsa flim-kien, b'hekk jagħtih il-faklutà biex jagħraf l-effetti fuq il-

Ġentili miġjuba permezz tar-riġezzjoni tal-Lhud, u r-riżultati, dawk fil-qrib u fil-bogħod, imsawwra fuq il-Lhud permezz ta' l-aċċettar u r-riġezzjoni tal-Ġentili. Dawn huma kampjuni ta' l-għarfa ta' Alla murija f'Rumani. L-għerf ta' Alla jagħtih il-faklutà li jfassal l-aħjar skopijiet, u l-aktar riżultati mbierka u ta' hena, l-aktar tmiem perfett u sodisfaċenti, waqt li l-għarfa Tiegħu tagħtih il-faklutà li jagħżel l-aħjar mezzi, japplika l-aħjar metodi jew proċeduri, ifassal l-aħjar pjani, jagħżel l-aktar strumenti perfetti, eċċ..., biex iwettaq dawk l-iskopijiet qaddisa u benevolenti.

**"it-triqat tiegħu ma jistgħux jinstabu"** – Xi wħud mit-triqat ta' Alla Hu ħallihom ċari għalina, imma oħrajn aħna ma nistgħu qatt nifhmuhom! Mordekaj fehemu dan (Ester 4:14). Aħna nfurmati dwar il-karattru u n-natura ta' Alla, u l-prinċipji li fuq-hom Hu jiġġudika l-ġnus. Imma meta tasal għall-metodu pre-ċiż, li bih Alla kkawża nazzjon li jqum jew jaqa', (id-dettalji, kull mossa u pass fil-pjan), aħna dlonk nitilfu t-triq. (Ara Dew-teronomju 29:29).

**Rumani 11:34 – "Għax min għaraf il-ħsieb tal-Mulej? jew min qatt tah parir?"**

**"Għax"** – hawn hu għaliex it-toroq ta' Alla (il-metodi tiegħu f'li jwettaq il-pjani Tiegħu), huma ħafna drabi impossibbli li wieħed isibhom. Ċertament li t-toroq u l-pjani ta' Alla ħadd ma jista' jifhimhom kollha. Isaija qal: "Min wiżen l-Ispirtu tal-Mulej, *jew min kien il-kunsillier li għallmu xi ħaġa*?" (Isaija 40:13). L-istess ħsieb jinsab fl-1 Korintin 2:16, fejn Pawlu jgħid, "Għax min għaraf ħsieb il-Mulej, biex igħallem lilu?..." Billi Alla m'għandu ebda kunsiller, ħadd ma jista' jantiċipa l-mossi Tiegħu.

U madankollu, aħna qegħdin ngħixu fi żmien fejn ħafna nies qegħdin ipoġġu lilhom infushom fil-pożizzjoni ta' kunsilliera ta' Alla. Kemm-il darba inti smajt nies igħidu, "Jiena naf x'tgħid il-Bibbja, imma jiena *naħseb* li Alla se jagħmel l-affa-rijiet mod differenti ... Jiena sempliċiment *naħseb* li Alla huwa

aktar ħanin minn hekk! Jiena *naħseb* li jekk Alla jrid jista' jagħ-mel hekk!" Ċertament li Alla jista' jagħmel kollox u dak kollu li Hu jrid li jagħmel! Imma, u hawn huwa l-iżball il-kbir ta' xi wħud, li wkoll għalkemm il-Bibbja tgħid dak li Alla se jagħ-mel, dawn in-nies xorta jibqgħu jsostnu l-fehma żbaljata tagħ-hom bl-iskuża li jekk Alla jrid jista' jagħmel hekk! (eżempju ċar ta' dan huwa l-interpretazzjoni żbaljata ta' vers 26, "*U hekk* Iżrael kollu jkun salvat" fejn jintqal li l-Lhud kollha jkunu salvati meta Kristu jerġa' jiġi). Dawn huma stqarrijiet magħ-mula minn nies li (bla ma jintebħu) stqarrew il-pożizzjoni ta' kunsilliera personali ta' Alla. Aħna neħtieġu li nfakkru lin-nies li ĦADD ma jista' jaqra l-moħħ ta' Alla (1 Korintin 2:11) jew wisq inqas il-moħħ ta' bniedem ieħor mortali. U l-ħsibijiet kollha ta' Alla, li Alla jridna li jkollna, diġa kienu irrivelati fil-Bibbja (1 Korintin 2:9-13).

**Rumani 11:35 – "Min qatt ta l-ewwel lilu, biex lilu jkun jistħoqqlu l-ħlas?"**

Minn Ġob 41:11: "Jew min tani biex narġa' nħallsu." Il-verità fundamentali tar-reliġjon kif fehma l-appostlu Pawlu hija li L-INIZJATTIVA fir-reliġjon tappartjeni għal Alla.

B'xi mod xi nies jaħsbu li Alla Hu 'marbut' għal dak li jaħsbu n-nies. Iż-żminijiet inbidlu u għalhekk il-qies morali fil-Bibbja għandu jkun addattat għall-"bniedem modern" jgħidu huma! It-toroq ta' Alla, ir-rieda Tiegħu, tajjeb u ħażin, kastig u salvazz-joni mhumiex u qatt ma kienu iddeterminati permezz ta' dak li 'ħasbu' l-bnedmin. Nuqqas komuni tal-bnedmin f'kull żmien huwa t-twemmin sinċier tagħhom liż-żmien tagħhom stess jik-konstitwixxi sitwazzjoni kwalitattiva differenti mill-oħrajn koll-ha, b'hekk iġibu l-Kelma tal-Bibbja b'xi mod irrelevanti għali-hom. Il-bniedem dejjem baqa' l-istess. Matul is-sekli, ix-xhieda kollha ta' dawk li ħallew il-messaġġ tal-Bibbja jsaltan b'mod ħieles fil-ħajja tagħhom turi xebħ ta' l-għaġeb; dawn jillustraw dan tajjeb, minkejja l-bidliet ta' kondizzjonijiet kulturali, il-bniedem dejjem baqa' midneb fi

bżonn iddisprat għall-Kelma tal-ħajja. Kemm nisimgħu min jgħid li llum ninsabu f'sitwazzjoni morali kerha ħafna. Dan il-kliem jintqal mhux bi skop sinċier imma biex japplikaw is-sitwazzjoni midinba tal-lum għat-tieni miġja l-Mulej. Dawn il-profeti u għalliema foloz moderni jippruvaw japplikaw dan bħala sinjal li Kristu wasal biex jerġa' jiġi. Ħafna nies sinċiera, għaliex ma jkunux jafu sewwa dak li tassew tgħid il-Kelma ta' Alla, jinqabdu f'dan it-tagħlim fatali u jaċċettawh b'għajnejhom magħluqa. Min jagħ-mel hekk ikun qiegħed iqarraq u jidneb u għandu l-kundanna ta' Alla fuq rasu! Huwa tassew li l-moralità llum kważi ġiet fix-xejn, imma din is-sitwazzjoni ma naqrawx dwarha fl-antik Testment ukoll? Għaliex Alla bagħat id-dilluvju? (Ġenesi 6—8.) Għaliex Alla ħaraq il-bliet ta' Sodoma u Gomorra? (Ġenesi 18—19.) Mela ejjaw inħallu l-opinjonijiet u l-passjonijiet tagħ-na barra mill-Kelma ta' Alla u ma nħammġuhiex bihom!

Għal dawk li jistqarru li huma m'għandhomx bżonn lil Alla u l-ħarsien u l-gwida tal-Kelma Tiegħu, aħna ngħidulhom, "Ippru-vali billi turini li inti tista' tgħix ħajja bla dnub!" U aħna nfakk-ruhom, "s'issa int inqast li tikkonvinċini!"

**Rumani 11:36 – "Għax minnu, u bih, u għalih, huma l-ħwejjeġ kollha: lilu l-glorja għal dejjem Amen."**

Din l-aħħar stqarrija tikkonferma l-verità tad-dipendenza asso-luta tal-bniedem fuq Alla.

**"Għax minnu"** – permezz ta', bħala dak li jmanti, priservatur, mexxej. Alla jżomm kollox flimkien (Kolossin 1:17; Lhud 1:3).

'Għax Minnu jiġi kollox; permezz Tiegħu jeżisti kollox; u Fih jispiċċa kollox!'

**"u għalih"** – Dak kollu li jeżisti hu fi triqtu biex jagħti kont finali lil Alla, l-univers kollu sejjer fl-istess direzzjoni. Alla Hu l-għan finali tar-realtà kollha (Filippin 2:10-11).

**"lilu l-glorja għal dejjem"** – 'Għandu l-qawwa tal-"glorja kollha" li hemm. Mhux l-attribut huwa irriferut Għalih imma l-għarfien, l-unur, u l-qima li tistħoqq lil Alla mill-bnedmin.' Ħalli l-unur kollu, t-tifħir kollu, jmorru lil Alla. Jekk aħna sejrin niftaħru, mela ħalli niftaħru f'Alla tagħna!

**GĦELUQ:**

Għandna aħna ntemtmu dwar it-tama tagħna? Għandna aħna nagħmlu apoloġija talli nispjegaw il-ħwejjeġ tal-Bibbja kif inhuma? Għandna aħna nkunu intimidati f'silenzu minn filosofiji jew reliġjonijiet kuntrarji għall-Bibbja? Jiena mhiniex filosfu jew skular fil-qasam tar-reliġjon komparattiva imma jiena qrajt aktar minn biżżejjed biex inkun naf li l-fidi Kristjana ma tbati xejn f'paragun ma' kull ħaġa ta' madwarha!

L-Ispirtu s-Santu jagħtina dawn it-twissijiet dwar il-profeti u għalliema foloz u t-tagħlim falz tagħhom:

**Kolossin 2:8** – "Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu."

**Efesin 5:6** – "Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux."

**2 Tess. 2:3** - "Tħallux 'il min iqarraq bikom, **b'ebda mod**!…"